# IT-XIII-IL KTIEB

## Il-ħolqien imfisser bħala tixbiha

1. Insejjaħlek, Alla tiegħi, tjieba tiegħi, li ħlaqtni u ma nsejtx lil min nesa lilek. Insejjaħlek f'ruħi, li int tħejjihieli biex tilqgħek fiha bix-xewqa li int innifsek nissiltli fiha. La titlaqx lil min qiegħed isejjaħlek, għax kont int li qanqaltni biex insejjaħlek. Int sħaqt fuqi b'sejħat ta' kull xorta u dejjem aktar qawwija, biex nisimgħek mill-bogħod u ndur lejk ħalli nsejjaħ lilek li kont qiegħed issejjaħli. Int, Mulej, ħassartli l-ħażen kollu li minħabba fih stħaqqli l-kastig, biex ma tħallasnix għal egħmil idejja li begħidni minnek. Int qistli minn qabel il-merti tajba kollha tiegħi, biex trodd ħlas tajjeb lil egħmil idejk li bihom sawwartni. Inti kont qabel ma jien bdejt neżisti, meta kont għadni ma jien xejn biex tagħtini li nsir neżisti. U issa, ara, jiena hawn, għax fit-tjieba tiegħek hejjejtli kollox u għamiltni dak kollu li jien, dak kollu li sawwartni minnu. Int ma kontx taħtieġni, u jien miniex hekk tajjeb li nista' nkun ta' xi għajnuna għalik, il-Mulej tiegħi u Alla tiegħi, billi naqdik qisni qiegħed neħilsek mill-għaja fil-ħidma tiegħek. Is-setgħa tiegħek ma tonqos xejn jekk jien ma nagħtikx is-servizz tiegħi, u l-ħidma tiegħi għalik mhijiex bħallikieku qiegħed naħdem medda raba', hekk li inti

tibqa' bla frott jekk ma naħdimx għalik. Jien naqdik u naħdem għalik biex jiġini l-ġid minnek, int li għamiltni neżisti b'mod li nista' nikseb il-ġid.

2. Il-ħolqien tiegħek sar mill-milja ta' tjubitek, biex ma jkunx nieqes ġid li seta' jsir minnek, għad li lilek ma kien se jiswielek xejn, u ma kienx se jkun daqsek għad li ġej minnek. Għax is-sema u l-art, li int għamilt fil-bidu, xi stħaqqilhom minn għandek? Ħa jgħidu n-naturi spiritwali u materjali, li inti għamilthom bil-Għerf tiegħek, ħa jgħidu xi stħaqqilhom minn għandek biex saħansitra l-ħlejjaq li kienu għadhom fil-bidu tagħhom u bla forma jkunu jistennew xi ħaġa minn għandek! Ilkoll kemm huma, hu xinhu l-ġens tagħhom, sew spiritwali u sew materjali, kienu jaqgħu fit-taħwid, 'il bogħod minnek, neqsin minn kull xebh miegħek, sew il-ħlejjaq spiritwali bla forma, li huma aqwa mill-ħlejjaq materjali bil-forma, sew il-ħlejjaq materjali bla forma, li huma aqwa mix-xejn li hu xejn. Kienu jibqgħu f'dak l-istat bla forma, jistennew il-kelma tiegħek, kieku l-istess kelma ma sejħitilhomx mill-ġdid lejk li int wieħed, biex jieħdu l-forma, u minnek, li int l-aqwa ġid, isiru kollha tajbin ħafna. Għax xi stħaqqilhom minn għandek biex isiru jeżistu mqar bla forma jekk anqas hekk ma kienu jsiru jeżistu mingħajrek?

Xi stħaqqilha minn għandek il-materja mġissma biex issir teżisti mqar bħala taħwid u baħħ? Kieku int ma ħlaqthiex, anqas biss bħala taħwid u baħħ ma kienet issir teżisti. U ladarba ma kinetx teżisti, ma setax jistħoqqilha minn għandek li ssir teżisti. Xi stħaqqlu minn għandek il-ħolqien spiritwali fil-bidu tiegħu, imqar biex ikun qisu dak l-abiss mudlam li xejn ma kien jixbah lilek, u joqgħod

imewweġ 'l hawn u 'l hinn sa ma bis-saħħa ta' dik l-istess kelma dar lejn min għamlu biex minnu jiddawwal u jsir dawl, mhux qawwi daqsek, imma ta' natura tixbah lilek? Ġisem li jeżisti ma jfissirx bilfors li hu ġisem sabiħ, għax inkella ma jistax jingħata ġisem ikrah. Hekk ukoll fl-ispirtu maħluq, il-ħajja ma tfissirx bilfors ħajja ta' għerf, għax inkella kien ikollu għerf li ma jinbidel qatt. Imma tajjeb għalih li jingħaqad dejjem miegħek u ma jitbiegħed qatt minnek, ħalli ma jitlifx id-dawl li tajtu meta dar lejk u jerġa' jaqa' f'ħajja tixbah lil abiss mudlam. Aħna wkoll, ħolqien spiritwali f'dak li jmiss lir-ruħ, konna mbegħdin minnek, id-dawl tagħna; konna ngħixu ħajja li fiha konna darba dlam, u għadna nitħabtu mad-dlam li fadal fina, sa ma nsiru ġustizzzja tiegħek f'Ibnek il-waħdieni[1], qisna għoljiet ta' Alla. Għax kien laħaqna l-ħaqq tiegħek li hu baħar bla qiegħ[2].

3. Fil-bidu tal-ħolqien inti għidt, "Ħa jkun id-dawl", u d-dawl sar[3]. Ma hemm xejn ħażin jekk nifhem li dawn il-kelmiet intqalu għall-ħolqien spiritwali, għax dan b'xi mod kien diġà ħajja li setgħet tiddawwal minnek. Iżda kif ma kellu ebda mertu quddiemek li jsir ħajja li setgħet tiddawwal, hekk anqas wara li sar ħajja bħal din ma seta' jimmerita li jiddawwal minnek. Li kieku baqa' bla forma u ma sarx dawl, ma kienx ikun jogħġbok, u sar dawl mhux għax sar jeżisti, imma għax ra d-dawl li dawlu u ngħaqad miegħu. Għalhekk hu midjun lejn il-grazzja tiegħek biss, sew jekk sar igħix u sew jekk sar igħix ħajja hienja. Bis-saħħa ta' bidla għall-aħjar huwa dar lejn dak li ma jista' jieħdu ebda bidla, la għall-aħjar u lanqas għall-agħar. U dan ma hu ħadd ħliefek, għax inti waħdek teżisti

bla taħlit. Għalik il-ħajja ma tfissirx ħaġ'oħra ħlief ħajja hienja, għax il-hena tiegħek inti nnifsek.

4. Mela l-ġid tiegħek, li hu int fik innifsek, x'kien se jonqsu kieku dawn il-ħlejjaq qatt ma bdew jeżistu jew kieku baqgħu lkoll bla forma? Inti ħlaqthom mhux għax kont taħtieġhom, iżda fil-milja ta' tjubitek għaġinthom u fassalthom biex jieħdu forma. U dan għamiltu mhux biex il-ferħ tiegħek isir sħiħ permezz tagħhom, iżda għax ma kinux perfetti u dan ma jogħġobx lilek li int perfett. Mela għamilthom perfetti biex jogħġbuk, mhux għax int mintix perfett u bħallikieku bis-saħħa tal-perfezzjoni tagħhom int ukoll issir perfett. L-ispirtu tajjeb tiegħek kien jittajjar fuq wiċċ l-ibħra; dawn ma kinux iweżnuh qisu qiegħed jistrieħ fuqhom. Meta ngħidu li l-ispirtu tiegħek jistrieħ fuq xi ħadd[4], dan ifisser li hu jkun qiegħed iserraħ lil xi ħadd fih. Kienet ir-rieda tiegħek, bla taħsir jew tibdil, fiha nfisha biżżejjed għaliha nfisha, kienet hi tittajjar fuq il-ħajja li inti ħlaqt, ħajja li ma kinetx tfisser ħajja hienja, għax kienet għadha tgħix mifruxa fi dlamijietha u kien jonqosha ddur lejn min ħalaqha biex tgħix dejjem iżjed qrib lejn il-għajn tal-ħajja u tara d-dawl fid-dawl tiegħu[5], biex issir perfetta fid-dawl u l-hena.

5. U ara, quddiemi qisha fiċ-ċpar[6] tidhirli t-Trinità, jiġifieri int, Alla tiegħi. Int, il-Missier, għamilt is-sema u l-art fil-bidu tal-għerf tagħna, li hu l-Għerf tiegħek imwieled minnek, daqsek u ta' dejjem bħalek, jiġifieri f'Ibnek. Jien diġà tkellimt fit-tul fuq is-sema tas-smewwiet, fuq l-art taħwid u baħħ, u fuq l-abiss mudlam. Għidt kif il-ħolqien spiritwali bla forma kien maħlul u mxerred, u

hekk kien jibqa' kieku ma darx lejn dak li tah xi ħjiel ta' ħajja u bid-dawl tiegħu sar ħajja sabiħa, biex ikun is-sema ta' dak is-sema li nħalaq aktar tard bejn ilma u ilma. Il-kelma *Alla*, li għamel dawn il-ħlejjaq, jiena ħadtha għall-Missier, u l-kelma *bidu*, li fih għamilhom, ħadtha għall-Iben. Emmint, u emmint tassew, li Alla tiegħi huwa Trinità, u fittixt din il-verità fil-kelma mqaddsa tiegħu. U ara, l-ispirtu tiegħek kien jittajjar fuq wiċċ l-ibħra. Ara t-Trinità Alla tiegħi, il-Missier u l-Iben u l-Ispirtu s-Santu, il-ħallieq tal-ħolqien kollu.

6. O dawl tal-verità, inressaq qalbi lejk biex ma nħallihiex tgħallimni ħwejjeġ fiergħa: keċċi d-dlamijiet tagħha. Għidli, f'ġieh ommna l-imħabba, għidli, nitolbok: il-għala l-Iskrittura tiegħek ma semmietx l-Ispirtu tiegħek ħlief wara li semmiet is-sema u l-art taħwid u baħħ u d-dlam li kien fuq wiċċ l-abissi? Forsi għax kien aħjar jekk jibda jingħatalna xi ħjiel fuqu billi jingħad li kien jittajjar fuq wiċċ l-ibħra? Kliem bħal dan ma setax jingħad bla ma l-ewwel tissemma l-ħaġa biex imbagħad nifhmu li l-ispirtu tiegħek kien jittajjar fuqha. Ma kienx jittajjar fuq il-Missier jew fuq l-Iben, u ma kienx jingħad sewwa li kien jittajjar 'il fuq kieku kien jittajjar fuq ix-xejn. Mela l-ewwel kellha tissemma l-ħaġa li kien jittajjar fuqha, u mbagħad jissemma hu, għax ma kellux jissemma mod ieħor ħlief billi jingħad li kien jittajjar fuq xi ħaġa. Imma għaliex ma kellux jissemma mod ieħor ħlief billi jingħad li kien jittajjar fuq xi ħaġa?

7. Biex nifhmu dan, jaħtieġ inżommu quddiem għajnejna l-kliem ta' l-Appostlu tiegħek. Huwa jgħid li

l-imħabba tiegħek issawbet fi qlubna permezz ta' l-Ispirtu s-Santu li kien mogħti lilna[7]. L-Appostlu jgħallimna dwar id-doni ta' l-Ispirtu u jurina t-triq ta' l-imħabba li hi wisq ogħla minnhom[8]. Huwa jinżel għarkobbtejh quddiemek minħabba fina, biex nagħarfu kemm l-imħabba ta' Kristu tisboq kull għerf[9]. Kien għalhekk li fil-bidu l-ispirtu kien jittajjar mill-għoli fuq wiċċ l-ibħra. Lil min ngħid u b'liema kliem imfisser kif it-toqol ta' ġibdietna jkaxkarna lejn it-tiġrif ta' l-abiss, u kif l-imħabba terfagħna minnu permezz ta' l-ispirtu tiegħek li kien jittajjar fuq wiċċ l-ibħra? Lil min ngħidu dan? B'liema kliem infissru? Għax maħniex nitkellmu fuq ibħra li nistgħu ninxteħtu fihom u nintrefgħu minnhom. Imma liema tixbiha oħra hi eqreb lejn is-sewwa u fl-istess ħin aktar imbiegħda? Li qegħdin insemmu huma s-sentimenti u l-imħabbiet tagħna, il-ħamla maħmuġa ta' l-ispirtu tagħna li ġġorrna 'l isfel bil-ġibdiet u t-tħassib tagħna; qegħdin nitkellmu fuq il-qdusija ta' l-ispirtu tiegħek li jerfagħna 'l fuq bl-imħabba ta' ħajja ħielsa minn kull tħassib, biex ngħollu qlubna 'l fuq lejk, fejn l-ispirtu tiegħek kien jittajjar fuq wiċċ l-ibħra, u naslu fl-aqwa sliem, meta ruħna tkun qasmet l-ibħra li ma fihom ebda riżq.

8. Iġġarraf l-anġlu, u ġġarrfet ruħ il-bniedem, u b'hekk urewna l-abiss bla qiegħ u mudlam li fih il-ħolqien spiritwali kollu kien jibqa' kieku int sa mill-bidu ma għidtx, "Ħa jkun id-dawl", u d-dawl sar. Hemm kien jibqa' kieku l-ħolqien kollu tal-belt tiegħek tas-sema, mogħni bid-dehen, ma ngħaqadx miegħek bl-ubbidjenza tiegħu u ma strieħx fl-ispirtu tiegħek li bla qatt jitbiddel kien jittajjar fuq kull ma jitbiddel. Għax inkella saħansitra s-sema

tas-smewwiet kien jibqa' abiss mudlam fih innifsu; imma issa huwa dawl fil-Mulej. Int, anki permezz ta' l-istess inkwiet u miżerja ta' l-ispirti li jiġġarrfu u juru dlamijiethom għax jitneżżgħu mil-libsa tad-dawl tiegħek, int turina ċar kemm il-ħolqien imżejjen bir-raġuni għamiltu kbir, hekk li ebda ħaġa inqas minnek ma hi biżżejjed għall-hena u l-mistrieħ tiegħu, u għalhekk anqas hu ma hu biżżejjed għalih innifsu. Int, Alla tagħna, iddawwal id-dlam tagħna[10] u tlibbisna bid-dawl, biex is-swied tagħna jkun bħan-nofsinhar[11]. Agħtini lilek innifsek, Alla tiegħi, roddli lilek innifsek. Ara, jiena nħobbok, imma jekk ma nħobbokx biżżejjed, agħmel li nkun nħobbok iżjed. Ma nistax inqis imħabbti u nkun naf kemm għad jonqosha sa ma tkun biżżejjed biex ħajti tħaffef lejn it-tħaddin tiegħek bla ma terġa' lura, u tistkenn taħt il-ħarsien tiegħek. Dan biss naf, li dak kollu li mhuwiex int hu ħsara għalija, mhux biss dak li hu barra minni, iżda wkoll dak li hemm fija nnifsi, u li kull għana li mhuwiex Alla tiegħi huwa faqar għalija.

9. Forsi la l-Missier u lanqas l-Iben ma kien jttajjar fuq wiċċ l-ibħra? Jekk dan nifhmuh qisu titjir f'xi post kif jagħmel ġisem, mela anqas l-Ispirtu s-Santu ma kien jittajjar. Iżda jekk ngħiduh għad-divinità għolja u bla tibdil li kienet tittajjar fuq kull ma jitbiddel, allura fuq wiċċ l-ibħra kienu jittajjru sew il-Missier u sew l-Iben u sew l-Ispirtu s-Santu. Mela għaliex dan intqal għall-ispirtu tiegħek biss? Għaliex għalih waħdu ntqal li kien qisu f'post li ma hu post xejn, kif għalih waħdu ntqal li hu d-don tiegħek? Hu d-don tiegħek li aħna nistrieħu fih, li fih nitgħaxxqu bik. Il-mistrieħ tagħna hu postna. L-imħabba

terfagħna lejk, u l-ispirtu tajjeb tiegħek joħroġ iċ-ċokon tagħna minn bibien il-mewt u jtellagħna fil-għoli. Is-sliem tagħna fir-rieda t-tajba. Kull ġisem ifittex postu skond ma hu t-toqol tiegħu. It-toqol ma jiġbdux 'l isfel biss, iżda lejn il-post li hu tiegħu, bħalma n-nar jogħla 'l fuq u l-ġebel jaqa' 'l isfel, għax jinġibdu skond it-toqol tagħhom biex jfittxu posthom. Iż-żejt fl-ilma jitla' fil-wiċċ, iżda l-ilma fiż-żejt jinżel fil-qiegħ; jiġrilhom skond ma huma tqal u jfittxu l-post li hu tagħhom. Mingħajr dan l-ordni l-ħwejjeġ ma jsibux mistrieħ; jistrieħu meta jitqiegħdu f'dan l-ordni. Jien it-toqol tiegħi huwa mħabbti; immur fejn immur, hu jqanqalni. Id-don tiegħek ikebbisna u jerfagħna 'l fuq, u aħna nitħeġġu u nitqanqlu. Nitilgħu t-telgħa li hi għal qalbna u ngħannu l-għanja tat-telgħat[12]. Nitħeġġu u nitqanqlu bin-nar tiegħek, in-nar tajjeb tiegħek, u nitilgħu 'l fuq lejn is-sliem ta' Ġerusalem, għax fraħt meta qaluli, "Sejrin f'dar il-Mulej"[13]. Hemmhekk ir-rieda tajba tagħna tqegħidna, biex ma nkunu rridu xejn iżjed ħlief li nibqgħu f'dik id-dar għal dejjem.

10. Hieni l-ħolqien li ma sarx jaf bi stat ieħor minn dan! Imma l-istat tiegħu kien ikun xort'oħra kieku minnufih wara li nħalaq, bla dewmien ta' xejn, id-don tiegħek li jittajjar fuq kull ma jitbiddel ma refgħux 'il fuq meta int sejjaħtlu bil-kelmiet "Ħa jkun id-dawl" u hu sar dawl. Għalina hemm żmien meta konna dlam u żmien meta nsiru dawl, imma għal dak il-ħolqien intqal biss x'kien isir minnu kieku ma ġiex imdawwal. Jekk l-Iskrittura tgħidilna li għall-ewwel kien taħwid u dlam, dan tgħidu biex aħna naraw aħjar x'kien li ġieb fih il-bidla li ħa meta dar lejn id-dawl li qatt ma jonqos u sar dawl. Ħa jifhem

min jista', ħa jitlob lilek biex tfiehmu. Il-għala jħabbat lili, qisni jien nista' ndawwal kull bniedem huwa u ġej fid-dinja[14]?

11. Min se jifhem it-Trinità li tista' kollox? Iżda min ma jitkellimx fuqha, jekk tassew fuqha jitkellem? Darba fill insibu rūħ titkellem fuqha u taf fuqiex qiegħda titkellem. Il-bnedmin jitħabtu u jistinkaw, iżda min ma jkunx fis-sliem ma jseħħulu qatt jarah dan. Jien nixtieq li l-bnedmin jirriflettu fuq tliet ħwejjeġ li jinsabu fihom, għad li huma 'l bogħod wisq minn xi xebh mat-Trinità. Ħa ngħidilhom xinhuma, biex iħaddmu rashom u jaraw u jifhmu kemm huma 'l bogħod. It-tliet ħwejjeġ huma dawn: l-eżistenza, it-tagħrif u r-rieda. Jien neżisti, nagħraf u rrid: neżisti għax nagħraf u rrid, nagħraf li neżisti u rrid, u rrid neżisti u nagħraf. Jekk xi ħadd jista' jifhem ħa jifhem, kif f'dawn it-tliet ħwejjeġ hemm ħajja bla taqsim, ħajja waħda, moħħ wieħed u essenza waħda, u ħa jifhem kif dawn jintgħażlu minn xulxin b'għażla bla firda. Żgur li jista' jara dan kollu. Mela ħa jixħet ħarsa lejh innifsu biex jara u jgħidli. Imma jekk isib xi ħaġa fuq dan u jfissirhieli, ma għandux jaħseb li jkun sab lil dak li hu ogħla minn dan kollu u ma jitbiddilx, dak li jeżisti bla ma jinbidel, jagħraf bla tibdil, u jrid b'rieda li ma tinbidel qatt; ma għandux jaħseb li jkun fehem jekk Alla huwiex Trinità sewwasew għax fih jinsabu dawn it-tliet setgħat, jew jekk dawn jinsabux it-tlieta f'kull waħda mill-Persuni b'mod li t-tlieta flimkien jinsabu f'kull waħda minnhom; jew inkella, jekk sew l-ewwel każ u sew it-tieni, humiex it-tnejn b'mod tal-għaġeb veri f'dak li hu wieħed u tlieta, dak li hu bla qjies u fih innifsu l-iskop tiegħu nnifsu, hekk li hu l-istess wieħed li

bla tibdil jeżisti, jagħraf lilu nnifsu, u hu biżżejjed għalih innifsu, fil-kobor bla tarf ta' l-unità tiegħu. Iżda min se jsibha ħaġa ħafifa jaħseb f'dan? Min jista' b'xi mod ifissru? Min se jissogra jitkellem b'xi mod fuqu?

12. Issokta l-istqarrija tiegħek, fidi tiegħi: għid lill-Mulej Alla tiegħek, "Qaddis, qaddis, qaddis, Mulej Alla tiegħi". Aħna tgħammidna f'ismek, Missier u Iben u Spirtu s-Santu, u aħna ngħammdu f'ismek, Missier u Iben u Spirtu s-Santu. Fina wkoll, permezz tal-Kristu tiegħu, Alla ħalaq is-sema u l-art, jiġifieri l-membri tal-Knisja tiegħu, sew dawk spiritwali u sew dawk tad-demm u l-laħam. L-art tagħna, qabel ma ħadet il-forma tat-tagħlim, kienet taħwid u baħħ, u d-dlamijiet ta' l-injoranza kienu jgħattuna, għax int għakkist il-bniedem b'kastig tal-ħażen[15], u l-ħaqq tiegħek baħar bla qiegħ[16]. Iżda billi l-ispirtu tiegħek kien jittajjar fuq wiċċ l-ibħra, il-ħniena tiegħek ma telqitniex fil-miżerja tagħna. Għalhekk inti għidt "Ħa jkun d-dawl. Indmu, għax is-saltna tas-smewwiet waslet[17]. Indmu! Ħa jkun id-dawl!" Ruħna ntelqet ġo fina, u ftakarna fik, Mulej, minn art il-Ġordan u mill-muntanja[18] li hi daqsek imma tbaxxiet minħabba fina. Dlamijietna xebbgħuna, dorna lejk, u d-dawl sar. U ara, konna darba dlam, imma issa dawl fil-Mulej[19].

13. Għalissa aħna dawl bil-fidi u mhux bil-viżjoni[20]; aħna salvi, imma għadna nittamaw. Meta wieħed jara l-ħwejjeġ li jkun ittama, ma tkunx aktar tama[21]. Abiss isejjaħ abiss ieħor, imma issa jsejjaħlu bil-ħsejjes qawwija ta' l-ilmijiet tiegħek[22]. Dak li qal, "Ma stajtx inkellimkom bħala nies spiritwali, imma bħala nies tad-demm u l-laħam"[23],

hu wkoll deherlu li kien għadu ma fehemx; għalhekk nesa 'l ta' wrajh kollu u għamel ħiltu biex jilħaq dak li kien hemm quddiemu[24]; huwa tniehed taħt it-tagħbija tiegħu[25] u ruħu saret għatxana għal Alla l-ħaj bħalma għażżiela tixxennaq għan-nixxigħat ta' l-ilma, u qal, "Meta niġi?"[26]. Huwa xtaq ixidd fuqu l-għamara tas-sema[27], u sejjaħ lill-abissi ta' hawn taħt u qalilhom, "Timxux wara x-xejriet ta' din id-dinja, iżda nbidlu skond it-tiġdid ta' fehmietkom"[28]. "Tkunux bħat-tfal fi ħsiebkom: kunu tfal fil-ħażen, imma kunu rġiel magħmula fi ħsibijietkom"[29]. "Ja Galatin bla moħħ, min saħħarkom bi kliemu?"[30]. Issa mhuwiex iżjed hu li jsejjaħ, imma int, li bgħatt mill-għoli l-Ispirtu tiegħek permezz ta' dak li tela' fil-għoli u fetaħ l-egħjun kotrana tad-doni tiegħu biex iferrħu l-belt ta' Alla bħal xmajjar qawwija[31]. Għal din il-belt jitniehed il-ħabib tal-għarus, għax għad li għandu l-ewwel frott ta' l-Ispirtu, fih innifsu għadu jitniehed u jistenna l-adozzjoni, jiġifieri l-fidwa ta' ġismu[32]. Għaliha jitniehed, għax hu membru tal-għarusa; għaliha jitħeġġeġ, għax hu ħabib tal-għarus. Mhux għalih innifsu jitħeġġeġ, imma għaliha, u mhux b'leħnu, imma bil-ħsejjes qawwija ta' l-ilmijiet tiegħek isejjaħ lill-abiss l-ieħor li għalih hu mħeġġeġ. Huwa jibża' li, bħalma s-serp qarraq b'Eva bil-ħażen tiegħu, hekk ukoll fehmiethom jitħassru u jitilfu s-safa tagħhom li għandhom fi Kristu[33], il-għarus tagħna, il-Waħdieni tiegħek. Kemm ikun kbir id-dawl tal-viżjoni meta narawh kif inhu[34] u jieqaf id-dmugħ li lejl u nhar kien l-ikel tiegħi meta l-jum kollu kienu jgħiduli, "Fejn hu Alla tiegħek?"[35].

14. Jien ukoll ngħid, "Fejn int, Alla tiegħi?". Ara fejn int: nistrieħ ftit fik, u nħoss qalbi tinħall ġewwa fija jien

u nisma' l-agħjat ta' ferħ u radd il-ħajr ta' folla ferħana[36]. B'danakollu ruħi għadha mnikkta, għax terġa taqa' u ssir abiss, jew aħjar, tħoss li għadha abiss. Il-fidi tiegħi, li int tixgħelli quddiem riġlejja bil-lejl, tgħidilha, "Għaliex inti mnikkta, ja ruħ, u għaliex tħawwadni? Ittama fil-Mulej[37]: il-kelma tiegħu musbieħ għal riġlejk[38]. Ittama u ibqa' żomm sa l-aħħar, sa ma jgħaddi l-lejl, missier il-ħżiena, sa ma tgħaddi l-korla tal-Mulej". Aħna wkoll konna wlied il-korla[39], konna darba dlam, u għadna nkaxkru l-fdal ta' dak id-dlam fil-ġisem tagħna mejjet minħabba fid-dnub[40], sa ma l-jum jisbaħ u d-dellijiet jaħarbu[41]. Ittama fil-Mulej. Sa minn filgħodu nieqaf u naħseb fih, u nibqa' nfaħħru dejjem. Sa minn filgħodu nieqaf u nistenna l-għajnuna tiegħi, lil Alla tiegħi, li jqajjem għall-ħajja l-ġisem mejjet tagħna bis-saħħa ta' l-Ispirtu li jgħammar fina[42], li fit-tjieba tiegħu kien jittajjar fuq l-ilmijiet mudlama ta' ruħna. Għalhekk f'dan il-pellegrinaġġ huwa ngħatalna b'rahan[43], ħalli nibdew inkunu dawl. Aħna salvi, għad li għadna nittamaw, u sirna wlied id-dawl u wlied il-jum; maħniex ulied il-lejl u wlied id-dlam kif konna darba[44]. Sakemm aħna l-bnedmin għadna nlaqilqu fil-għerf tagħna, inti waħdek tifridna mid-dlam, int li ġġarrab qlubna[45] u d-dawl issemmih jum u d-dlam issejjaħlu lejl[46]. Min jagħżilna ħliefek? Iżda x'għandna li ma ngħatalniex minnek? Għax mill-istess fuħħar li minnu ġejna magħmulin oġġetti ta' ġieh, oħrajn saru oġġetti ta' għajb[47].

15. Alla tagħna, min ħliefek għamlilna l-Iskrittura divina tiegħek medda qawwija ta' awtorità fuqna? Hi qisha sema li jitkebbeb bħal ktieb[48] li issa hu mifrux fuqna bħal tinda tal-ġild; l-awtorità tagħha tqawwiet ħafna wara li

mietu l-bnedmin tad-dinja li permezz tagħhom tajthielna. U int taf, Mulej, int taf kif libbist il-bnedmin bi ħwejjeġ tal-ġild wara li saru jmutu minħabba fid-dnub[49]. Għalhekk int frixt bħal tinda tal-ġild il-medda qawwija tal-ktieb tiegħek, il-kelmiet tiegħek li dejjem jaqblu bejniethom, li inti qegħidthom fuqna permezz ta' bnedmin li jmutu. Bl-istess mewt tagħhom, l-awtorità soda tal-kelmiet tiegħek imxandrin minnhom tinfirex fil-għoli fuq dak kollu li hu taħtha, waqt li matul ħajjithom ma kinetx tinfirex hekk fil-għoli. Kont għadek ma frixtx is-smewwiet bħal tinda, kont għadek ma xerridtx ma' kullimkien l-isem li kisbu b'mewthom.

Mulej, agħtina li naraw dawn is-smewwiet, egħmil subgħajk[50]; warrab minn quddiem għajnejna s-sħab li għattejthom bih. Fihom tinsab ix-xhieda tiegħek li tgħallem lil min ma jafx[51]. Alla tiegħi, agħmel li s-sebħ tiegħek ikun sħiħ minn fomm it-tfal u t-trabi tal-ħalib[52]. Aħna ma nsibux kotba oħra li għandhom l-istess qawwa biex jeqirdu s-suppervja, biex bħalhom jeqirdu l-egħdewwa tiegħek li jilqgħu ruħhom minnek billi jiċħdu l-ħbiberija tiegħek u jiġġustifikaw dnubiethom. Ma nafx, Mulej, ma nafx li hemm kliem ieħor safi daqs dak li wassalni biex nagħmillek l-istqarrija tiegħi, baxxieli għonqi bil-ħlewwa għall-madmad tiegħek u ħajjarni biex nagħtik qima minn qalbi. Missier tajjeb, agħmel li jiena nifhem dan il-kliem; jien issottomettejt ruħi għalih, għax int saħħaħtu għal min jissottometti ruħu għalih.

Jiena nemmen li 'l fuq minn din il-medda qawwija hemm ilmijiet oħra li ma jarawx il-mewt, magħżulin mit-taħsir ta' din l-art. Ħa jfaħħru ismek, ħa jfaħħruk il-qtajja' ta' l-anġli tiegħek li jinsabu 'l fuq mis-sema u ma

għandhomx bżonn iħarsu lejn din il-medda qawwija[53] biex jaqrawha ħalli jsiru jafu kliemek. Huma dejjem jaraw wiċċek[54], u fih, mingħajr sillabi mqassmin fiż-żmien, jaqraw xi trid ir-rieda eterna tiegħek. Huma jaqrawha, jagħżluha għalihom u jgħożżuha: jaqrawha dejjem, u dak li jaqraw ma jgħaddi qatt, għax jaqraw il-fehma tiegħek li qatt ma tinbidel, jagħżluha u jgħożżuha. Il-ktieb tagħhom ma jingħalaqx, ir-romblu miktub tagħhom ma jitkebbibx, għax il-ktieb tagħhom huwa int innifsek, int għal dejjem. Inti qegħidthom f'posthom 'il fuq mill-medda qawwija li frixt fis-sod fuq id-dgħufija tal-popli ta' hawn taħt, biex hemm jaraw u jagħarfu t-tjieba tiegħek li xxandrek fiż-żmien, int li għamilt iż-żminijiet. Għax sas-smewwiet tasal it-tjieba tiegħek, Mulej, u sas-sħab il-fedeltà tiegħek[55]. Is-sħab igħaddi, imma s-smewwiet jibqgħu. Dawk li jxandru l-kelma tiegħek igħaddu minn din il-ħajja għall-oħra, imma l-Iskrittura tiegħek tibqa' mifruxa fuq il-popli sa ma ż-żminijiet jintemmu. Is-sema u l-art ukoll igħaddu, iżda kliemek ma jgħaddix[56]. Din it-tinda għad titkebbeb, il-ħaxix li fuqu hi mifruxa għad jitlef ġmielu u jinxef, iżda kliemek jibqa' għal dejjem. Aħna issa qegħdin naraw il-kelma tiegħek mhux kif inhi tassew, imma fiċ-ċpar tas-sħab u l-mera tas-sema[57], għax għad li aħna l-egħżież ta' Ibnek, għad mhuwiex irrivelat lilna x'se nkunu 'l quddiem[58]. Ibnek ħares lejna minn ġo x-xibka tal-ġisem, żiegħel bina u ħeġġiġna, u issa aħna niġru wara r-riħa tfuħ tiegħu. Iżda meta jidher, aħna nkunu bħalu, għax narawh kif inhu: narawh kif inhu, Mulej, u dan ikun sehemna; iżda għadna ma ksibniehx.

16. Bħalma fik waħdek tinsab l-eżistenza perfetta, hekk

fik waħdek hemm il-għerf, fik, li teżisti bla tibdil, tagħraf bla tibdil, u trid bla tibdil. L-essenza tiegħek tagħraf u trid bla tibdil, il-għerf tiegħek jeżisti u jrid bla tibdil, u r-rieda tiegħek teżisti u tagħraf bla tibdil. Iżda f'għajnejk ma tidhirx ħaġa sewwa li l-ħlejjaq imdawla li jitbiddlu jagħarfu d-dawl li ma jinbidilx bħalma hu jagħraf lilu nnifsu. Għalhekk ruħi hi bħal art bil-għatx quddiemek, għax kif ma tistax iddawwal lilha nfisha, hekk anqas tista' ssaqqi lilha nfisha. Il-għajn tal-ħajja hija għandek, bħalma fid-dawl tiegħek naraw id-dawl[59].

17. Min ġabar l-ilmijiet ta' mrar f'baħar wieħed? Għax ilkoll għandhom l-istess ħsieb, jiġifieri, il-hena tad-dinja, li jgħaddi. Minn kollox jagħmlu biex jiksbuh, għad li l-ħafna tħassib ta' kull xorta jqallibhom 'l hawn u 'l hinn. Min ġabarhom flimkien, Mulej, jekk mhux int, meta ridt li l-ilmijiet jinġemgħu naħa waħda u tidher l-art niexfa bil-għatx għalik? Tiegħek il-baħar, għax int għamiltu, u tiegħek l-art, għax b'idejk saret[60]. Mhux l-imrar tar-rieda tal-bnedmin, iżda l-ġemgħa ta' l-ilmijiet issejħet baħar. Inti trażżan il-ġibdiet ta' l-erwieħ, imqar jekk ikunu ħżiena, imma lill-ilmijiet tqegħdilhom tarf sa fejn jistgħu jaslu, biex l-imwieġ tagħhom jitkissru fuqhom. Hekk taħlaq il-baħar, skond l-ordni tal-ħakma tiegħek fuq il-ħlejjaq kollha.

Iżda l-erwieħ bil-għatx għalik, li jidhru quddiemek magħżula mill-ġemgħa tal-baħar għal skop ieħor, inti ssaqqihom minn għajn moħbija ta' ilma ħelu, biex l-art tagħti l-frott tagħha. U ruħna tagħti l-frott tagħha: b'ordni tiegħek, il-Mulej Alla tagħha, hija tnibbet opri tal-ħniena skond ix-xeħta tagħha, billi tħobb lill-proxxmu u tgħinu fil-bżonnijiet tiegħu, għax fiha nfisha għandha ż-żerriegħa

tal-frott li jaqbel magħha. U hekk nitqanqlu biex nitħassru lil min hu fil-bżonn u ngħinuh, u, ta' dgħajfin li aħna, ngħinuh bl-istess mod li aħna wkoll irridu li l-proxxmu jgħin lilna jekk inkunu fil-bżonn bħalu, mhux biss fil-ħtiġijiet iż-żgħar qishom ix-xtieli taż-żrieragħ, iżda wkoll fil-ħtiġijiet il-kbar ta' ħarsien u għajnuna sħiħa u qawwija bħas-siġar tal-frott, jiġifieri, għajnuna ta' ġid biex neħil-su lil min hu maħqur minn taħt idejn il-għadu qawwi u nagħtuh kenn u ħarsien bil-għajnuna soda ta' ħaqq magħmul fis-sewwa.

18. Inti tagħtina l-ħila għal dawn l-egħmejjel kollha u tferraħna bihom. Hekk, Mulej, nitolbok, ħa tinbet hekk, kif inti nnifsek tagħmilha tinbet, ħa tinbet hekk il-fedeltà mill-art u tixref il-ġustizzja mis-sema[61], u ħa jkun hemm imnariet fil-firxa tas-sema. Naqsmu ħobżna ma' min hu bil-ġuħ u ndaħħlu f'darna lill-imsejken bla saqaf, inlibbsu lil min ħu għarwien, u n-nies ta' darna ma ninsewhomx. U meta artna tagħti dan il-frott, ħares lejh u ara li hu tajjeb, imbagħad ifiġġ bħaż-żerniq id-dawl tagħna[62], u permezz tal-frott imsejken ta' l-egħmil tagħna nintrefgħu 'l fuq, nitgħaxxqu bil-kontemplazzjoni tal-Kelma tal-ħajja, u nkunu niddu fid-dinja bħal kwiekeb[63] fil-medda qawwija ta' l-Iskrittura tiegħek. Hemmhekk inti tgħallimna nagħżlu bejn il-ħwejjeġ li nifhmu u l-ħwejjeġ li nħossu bħalma l-jum jintgħażel mil-lejl, jew bejn l-erwieħ li jfittxu dak li hu tad-dehen u l-erwieħ li jintrabtu ma' dak li hu tas-sensi. B'hekk int ma tibqax waħdek tagħżel bejn dawl u dlam skond il-ġudizzju moħbi tiegħek kif kont tagħmel qabel ma frixt il-medda tas-sema. Għax issa, wara li dehret il-grazzja tiegħek fid-dinja[64], il-ħlejjaq spiritwali tiegħek

ukoll, li int qegħidthom fl-istess firxa tas-sema u għażilthom minn xulxin, jiddu fuq l-art u jagħżlu bejn jum u lejl, u huma sinjali għat-tqassim taż-żminijiet[65]. Il-qadim għadda u daħal il-ġdid[66], u s-salvazzjoni tagħna hi eqreb minn meta bdejna nemmnu; il-lejl għadda u qorob il-jum[67]. Int fawwart is-sena bi tjubitek[68]; inti bgħatt ħaddiema għall-ħsad tiegħek li ħaddiema oħrajn tħabtu għalih[69], u tibgħat oħrajn biex jiżirgħu dak li għad jinħasad fl-aħħar taż-żmien. Hekk tisma' t-talb ta' min iressaqlek xewqatu u tbierek l-annati tal-ġust, imma int li int tibqa'[70], u fis-snin tiegħek, li ma jgħaddu qatt, thejji l-ħażniet għas-snin li jgħaddu. Skond il-pjan etern tiegħek, inti tqassam fi żmienu l-ġid tas-sema fuq l-art.

Lil xi wħud mill-Ispirtu tingħata l-kelma tas-sapjenza, qisha l-imnara l-kbira magħmula għal min jitgħaxxaq bid-dawl tal-verità li jiddi bħal fi sbiħ il-jum; lil oħrajn mill-istess Spirtu jingħata kliem il-għerf, qisu l-imnara ż-żgħira; lil oħrajn il-fidi, lil oħrajn id-don tal-fejqan, lil oħrajn is-setgħa tal-mirakli, lil oħrajn il-profezija, lil oħrajn il-għażla ta' l-ispirti, lil oħrajn diversi ilsna; dawn kollha qishom il-kwiekeb. Dan kollu jaħdmu l-istess Spirtu wieħed, li jqassam lil kull wieħed kif jogħġbu u jagħmel li dawn il-dwal ikunu jidhru u jiddu għall-ġid ta' kulħadd[71]. Kliem il-għerf, li fih jinġabru l-misteri kollha li jitbiddlu maż-żmien bħall-qamar, u t-tagħrif tad-doni l-oħra li jien xebbahthom mal-kwiekeb u għidt kemm huma differenti mill-bjuda tad-dawl tas-sapjenza li jferraħ il-jum kif semmejt, dawn kollha qegħdin fil-bidu tal-lejl. Iżda huma meħtieġa għal dawk li l-qaddej tiegħek fil-għaqal kbir tiegħu ma setax ikellimhom bħala nies spiritwali, iżda bħala nies tad-demm u l-laħam[72], għax hu għallem il-

għerf lil dawk li huma perfetti[73]. Il-bniedem naturali jerda' l-ħalib qisu tarbija fi Kristu[74], sa ma jitqawwa u jibda jġerragħ ikel sħiħ[75], sa ma ħbub għajnejh isiru jifilħu jħarsu lejn ix-xemx; huwa ma għandux iqis il-lejl tiegħu bħala ħin bla fejda, imma għandu jikkuntenta ruħu bid-dawl tal-qamar u l-kwiekeb. Inti, Alla tagħna, b'għerf liema bħalu turina dan kollu fil-ktieb tiegħek, il-medda tiegħek li frixt fis-sema, biex aħna nagħżlu kull ħaġa għaliha f'dehra tal-għaġeb, li issa għadna qegħdin narawha permezz ta' sinjali u żminijiet u jiem u snin[76].

19. Iżda l-ewwel inħaslu u tnaddfu, neħħu l-ħażen minn ruħkom u minn quddiem għajnejja, ħalli jidher l-inxif. Tgħallmu agħmlu t-tajjeb, iddefendu l-iltim, aqbżu għall-armla, biex l-art tnibbet il-ħaxix għall-ikel u s-siġar li jagħmlu l-frott. Imbagħad ejjew nirraġunaw flimkien, igħid il-Mulej, ħalli jkun hemm imnariet fil-firxa tas-sema biex idawlu l-art[77]. Dak il-għani staqsa lill-Imgħallem tajjeb x'kellu jagħmel biex jikseb il-ħajja ta' dejjem[78]. Ħa jwieġbu l-Imgħallem tajjeb li hu stħajlu bniedem u xejn iżjed – iżda hu tajjeb għaliex hu Alla – ħa jwieġbu li, jekk irid jidħol fil-ħajja, għandu jħares il-kmandamenti, jitbiegħed mill-imrar tal-qerq u l-ħażen, ma joqtolx, ma jiżnix, ma jisraqx, u ma jixhedx fil-falz, biex jidher l-inxif u l-art tnibbet il-ġieħ tal-missier u l-omm u l-imħabba tal-proxxmu. "Dan kollu ħaristu", wieġeb il-għani. Mela dan ix-xewk kollu kif nibet jekk l-art tajba u għammiela? Mur, eqred ix-xewk u l-għolliq tar-regħba, bigħ il-ġid li għandek u agħti lill-foqra biex timtela bil-frott, u jkollok teżor fis-sema. Imbagħad, jekk trid tkun perfett, imxi wara l-Mulej flimkien ma' dawk li lilhom jixxandar il-għerf

minn min jaf x'għandu jqassam lill-jum u lil-lejl[79]. B'hekk int ukoll titgħallem tqassam, u l-imnariet ikunu fil-firxa tas-sema għalik ukoll. Iżda dan ma jseħħx jekk qalbek ma tkunx hemm fuq, ma jseħħx jekk ma jkollokx it-teżor tiegħek hemm fuq, kif smajt lill-Imgħallem tajjeb igħid[80]. Imma l-art ħawlija sewdet qalbha[81], u x-xewk ħanaq il-kelma[82].

Iżda intom, il-ġens il-maħtur[83], id-dgħajfa tad-dinja li ħallejtu kollox biex timxu wara l-Mulej[84], morru wrajh biex tħawdu l-qawwija[85], mexxu riġlejkom sbieħ warajh u iddu fil-firxa tas-sema, biex is-smewwiet ixandru l-glorja tiegħu[86], u intom tifirdu d-dawl tal-perfetti, li għadu mhuwiex qawwi bħal ta' l-anġli, mid-dlam ta' dawk li huma ċkejknin iżda mhux bla tama. Iddu fuq l-art kollha, biex il-jum, kollu bjuda bid-dawl tax-xemx, igħaddi l-kelma tas-sapjenza lil jum ieħor, u l-lejl, fid-dawl tal-qamar, iwassal il-kelma tal-għerf lil lejl ieħor[87]. Il-qamar u l-kwiekeb jiddu bil-lejl, imma l-lejl ma jaħbihomx fid-dlam tiegħu, għax huma jagħtuh id-dawl li jinħtieġ. Ara, qisu Alla qal, "Ħa jkun hemm imnariet fil-firxa tas-sema", meta f'daqqa waħda ġie mis-sema ħoss bħal ta' riħ qawwi, u dehru ilsna qishom tan-nar, li tqassmu u qagħdu fuq kull wieħed minnhom[88]. U hekk huma saru mnariet fil-firxa tas-sema li għandhom il-kelma tal-ħajja. Tferrxu ma' kullimkien, nirien qaddisa, nirien sbieħ, għax intom id-dawl tad-dinja u mintomx taħt il-modd[89]. Dak li ngħaqadtu miegħu ġie mgħolli 'l fuq u hu għolla lilkom. Morru tferrxu ma' kullimkien u uru rwieħkom lill-ġnus kollha.

20. U l-baħar ukoll, ħa jnissel u jiled l-egħmejjel tagħkom, u ħa jiżgħed l-ilma b'kotra ta' ħlejjaq ħajjin li

jitkaxkru. Intom għażiltu dak li jiswa minn dak li ma jiswiex, u b'hekk sirtu qiskom fomm Alla[90], li ordna lill-ilma biex inissel mhux ruħ ħajja, għax din tnisslet mill-art, iżda l-ħlejjaq ħajjin li jitkaxkru u t-tjur li jittajru fuq l-art. Bil-ħidma tal-qaddisin tiegħek, o Alla, is-sagramenti tiegħek għaddew qishom jitkaxkru fost l-imwieġ tat-tiġrib tad-dinja, biex isaqqu l-ġnus bl-ilma tal-magħmudija f'ismek[91]. U ma' din il-ħidma saru ħwejjeġ kbar u tal-għaġeb, qishom il-ħut il-kbir. L-ilħna ta' dawk li xandruk ittajru fuq l-art taħt il-medda qawwija tal-ktieb tiegħek imqiegħed quddiemhom bħala awtorità, u huma ttajru taħtu kull fejn marru. U ma hemmx aħbar u anqas kliem, ma hemmx leħen li ma jinstamax meta ma' l-art kollha jasal leħenhom u mad-dinja kollha jinxtered kliemhom[92], għax int, Mulej, kattarthom bil-barka tiegħek.

Miniex ngħid is-sewwa? Qiegħed inħawwad u nħallat ħaġa ma' oħra? Għax forsi miniex nagħmel għażla bejn it-tagħrif ċar mogħti minn dawn il-ħlejjaq li tqiegħdu fil-firxa tas-sema u l-egħmejjel tal-ġisem li jsiru fl-imwieġ tal-baħar taħt il-firxa tas-sema. It-tagħrif mogħti minnhom huwa sħiħ u jibqa' li hu, ma jiżdiedx minn nisel għall-ieħor; huwa bħad-dawl tas-sapjenza u tal-għerf. Iżda l-egħmejjel tagħhom tal-ġisem huma bosta u ta' kull xorta u dejjem joktru u jiżdiedu bil-barka tiegħek, o Alla[93]. Bħala għajnuna għalina l-bnedmin biex is-sensi tagħna ma jħossux il-ħidma tagħhom tqila, inti ridt li moħħna jkollu ħafna mezzi ħalli jagħraf ħaġa billi jobsor u jgħid xinhi mill-istess ċaqliq tagħha li jidher u jinħass. L-egħmejjel tnisslu mill-ilmijiet, iżda bil-kelma tiegħek; tnisslu mill-ħtiġijiet tal-popli mbiegħda mill-eternità tal-verità tiegħek, iżda tnisslu bis-saħħa ta' l-Evanġelju

tiegħek. Il-għajn li minnha ħarġu kienu l-ilmijiet, u huma ssawru bil-kelma tiegħek minħabba l-imrar marradi ta' l-ilma.

Kollha huma sbieħ, għax int għamilthom sbieħ. Iżda ara, int, li għamilt kollox, int isbaħ minnhom b'mod li ma jistax jitfisser bil-kliem. Li kieku Adam ma tbegħidx minnek bil-waqgħa tiegħu, ma kienx jinxtered minn ħdanu dan il-baħar mielaħ, dan il-ġens tal-bnedmin li jagħsru moħħom biex isiru jafu, u jitqallbu fost l-imwieġ ta' kburithom fi xmara li ma tieqaf qatt. Anqas kien ikun meħtieġ li l-qaddejja tiegħek joħorġu f'dan il-baħar kbir biex b'mod li jidher u jinħass jamministraw l-egħmejjel u l-klimijiet mistiċi, għax issa hekk bdejt nistħajjilhom il-ħlejjaq ħajjin li jitkaxkru u t-tjur. Il-bnedmin li ngħatalhom l-ewwel tagħlim fuq dawn il-misteri u ħadu s-sagramenti minn barra ma kinux jimxu 'l quddiem kieku ruħhom ma bdietx tgħix ħajja spiritwali ogħla u ma ħabirketx biex tissaħħaħ fit-tagħlim li ħadet fil-bidu[94].

21. U għalhekk, bil-kelma tiegħek, mhux il-baħar bla qiegħ, iżda l-art, mifruda mill-imrar ta' l-ilmijiet, nisslet mhux il-ħlejjaq ħajjin li jitkaxkru u t-tjur, iżda r-ruħ ħajja. L-art ma għadhiex taħtieġ il-magħmudija; din jaħtiġuha l-pagani, kif hi stess kienet taħtiegħa wkoll meta kienet għadha mgħottija bl-ilma, għax wara li int waqqaft il-magħmudija bħala triq li minnha nidħlu fis-saltna tas-smewwiet, ma hemmx triq oħra li twassalna hemm. Ir-ruħ ħajja ma tfittixx egħmejjel kbar u tal-għaġeb biex issir temmen, anqas nistgħu ngħidu li ma ssirx temmen jekk ma tarax sinjali u egħġubijiet. L-art temmen, għax issa hi mifruda mill-ilmijiet tal-baħar mimlijin bl-imrar tan-nuqqas

ta' fidi. Id-don ta' l-ilsna hu sinjal mhux għal min jemmen, iżda għal min ma jemminx. Għalhekk l-art, li int frixt fuq l-ilmijiet[95], ma għandhiex bżonn dak il-ġens ta' tjur li l-ilmijiet nisslu bil-kelma tiegħek. Ibgħat fuqha l-kmand tiegħek permezz tal-messaġġieri tiegħek. Aħna nsemmu l-egħmejjel tagħhom, iżda huwa int li taħdem fihom, biex huma jagħmlu r-ruħ ħajja. Din tnisslet mill-art li minħabba fiha l-qaddejja tiegħek jagħmlu l-egħmejjel tagħhom fiha, l-istess kif minħabba fil-baħar għamlu l-ħlejjaq ħajjin li jtkaxkru u t-tjur fil-wesgħa tas-sema. Dawn ma għadhomx meħtieġa għall-art, għad li hija tiekol il-ħuta[96] mtellgħa mill-qiegħ u mqiegħda fuq il-mejda li int hejjejt għal dawk li jemmnu, għax għalhekk ittellgħet mill-qiegħ, biex tgħajjex lill-art niexfa. It-tjur ukoll tnisslu mill-baħar, iżda joktru fuq l-art. Għax tassew li l-qaddejja tiegħek bdew ixandru l-bxara t-tajba minħabba l-bnedmin bla fidi, iżda huma jħeġġu lill-fidili wkoll u jxerrdu fuqhom barka dejjem iżjed kotrana. Imma r-ruħ ħajja tieħu l-bidu mill-art, għax it-trażżin ta' l-imħabba tad-dinja mhuwiex ta' fejda ħlief għall-fidili biex ruħhom tgħix għalik wara li kienet mejta f'ħajja ta' għaxqiet, għaxqiet li jġibu l-mewt, Mulej, għax inti l-għaxqa li tagħti l-ħajja lill-qalb safja.

Mela ħa jaħdmu fuq l-art il-ministri tiegħek, iżda mhux billi jxandru u jsemmgħu kliemhom permezz ta' egħġubijiet u taħdit mistiku u misteri kif isir fost l-ilmijiet nieqsa mill-fidi, fejn l-injoranza, omm l-istagħġib, toqgħod tisma' b'ħalqha miftuħ bil-biża' quddiem sinjali mistura. Dan huwa l-mod li bih ulied Adam jibdew jemmnu wara li jkunu nsew lilek u nħbew minn quddiem wiċċek u saru abiss. Imma l-ministri tiegħek ħa jaħdmu wkoll bħal fuq art niexfa, mifruda mill-ħalel kbar ta' l-abiss, u ħa jkunu

mudell għal dawk li jemmnu[97], billi bil-ħajja tagħhom fosthom iħeġġuhom ħalli jsiru jixbhuhom. B'hekk il-kelmiet "Fittxu 'l Alla u tgħixu"[98] jaslu f'widnejn il-fidili mhux biex jisimgħuhom biss, iżda wkoll biex jitqanqlu għall-egħmil ħalli l-art tnissel ir-ruħ ħajja. "Timxux max-xejra ta' din id-dinja"[99], imma ħarsu rwieħkom minnha. Ir-ruħ tgħix billi titbiegħed mill-ħwejjeġ li jekk tfittixhom tmut. Ħarsu rwieħkom mill-mostru selvaġġ tal-kburija, mill-ġibda u t-telqa għaż-żina, mill-għerf li hu għerf ta' l-isem biss, u l-bhejjem tax-xagħri jsiru ġwejda, l-imrieħel jitliġġmu, u s-sriep ma jigdmux. Dawn il-ħlejjaq huma tixbiha tat-tqanqil tar-ruħ, għax il-frugħa tal-kburija, il-għaxqiet żienja u s-semm tal-kurżità huma tqanqil ta' ruħ mejta. Ir-ruħ tmut mhux għax titlef kull tqanqil, imma għax titbiegħed mill-għajn tal-ħajja; id-dinja hi u għaddejja tkaxkarha magħha, u hi timxi max-xejra tagħha.

Il-għajn tal-ħajja ta' dejjem hija l-kelma tiegħek, o Alla, u kliemek ma jgħaddix[100]. Għalhekk il-kelma tiegħek trażżanna u ma nitbegħdux minnek meta nisimgħu min igħidilna, "Timxux max-xejra ta' din id-dinja", biex l-art tnissel ir-ruħ ħajja fil-għajn tal-ħajja, ruħ li għall-kelma tiegħek, li taslilha permezz ta' l-Evanġelisti tiegħek, iżżomm il-qjies u ssir tixbah lil dawk li jixbhu lil Kristu tiegħek[101]. Din hi t-tifsira tal-kelmiet "skond ġenshom", għax ħabib ifittex li jsir jixbah lil ħabibu. L-Appostlu jgħid, "Kunu bħali, bħalma jien bħalkom"[102]. U hekk fir-ruħ ħajja l-bhejjem isiru tajbin u ġwejda fil-ħidma tagħhom, skond l-ordni mogħti minnek meta għidt, "Kun ġwejjed fix-xogħol li tagħmel, u tkun maħbub" minn kulħadd[103]. Il-bhejjem isiru tajbin, u la jżidu jekk jieklu u lanqas inaqqsu jekk ma jiklux[104]. Is-sriep ukoll isiru tajbin, u ma

jibqgħux ta' periklu u ħsara, imma biss għaqlin biex iħarsu lilhom infushom; huma jistħarrġu d-dinja li tgħaddi kemm hu biżżejjed għalihom biex jaraw l-eternità u jagħarfuha permezz tal-ħlejjaq[105]. Għax dawn l-annimali joqogħdu għar-raġuni jekk ma jitħallewx jimxu fit-triq tal-mewt, biex igħixu u jkunu tajbin.

22. Mulej, Alla tagħna li ħlaqtna, il-ġibdiet tagħna u l-imħabba tad-dinja kienu qegħdin iġibu l-mewt fuqna billi jġagħluna ngħixu ħajja ħażina. Imma, ara, meta aħna nrażżnu dawn il-ġibdiet u ruħna tibda tgħix ħajja tajba, meta sseħħ il-kelma ta' l-Appostlu tiegħek li qal, "Timxux max-xejra ta' din id-dinja", imbagħad iseħħ ukoll dak li int minnufih żidt u għidt, "iżda nbidlu skond it-tiġdid ta' fehmietkom". Ma għidtilniex biex ninbidlu skond ġensna, bħallikieku kellna nsiru nixbhu lill-proxxmu li għex qabilna jew infasslu ħajjitna fuq l-eżempju qawwi ta' xi ħadd aħjar minna. Anqas ma għidt, "Ħa jkun hemm il-bniedem skond ġensu", iżda, "Ħa nagħmlu l-bniedem fuq is-sura u x-xbieha tagħna", biex iseħħilna nagħarfu xinhi r-rieda tiegħek. Għalhekk dak l-amministratur tiegħek, hu u jnissel l-ulied bl-Evanġelju, biex ma jkollux dejjem trabi tal-ħalib xi jredda' bħal omm, qalilhom, "Inbidlu skond it-tiġdid ta' fehmietkom biex iseħħilkom tagħarfu xinhi r-rieda ta' Alla, xinhu t-tajjeb, xinhu li jogħġbu, xinhu perfett"[106]. Inti ma tgħidx, "Ħa jkun hemm il-bniedem", iżda, "Ħa nagħmlu l-bniedem"; anqas ma tgħid, "skond ġensu", iżda, "fuq is-sura u x-xbieha tagħna". Għax il-bniedem, meta fehmietu jiġġeddu, meta jseħħlu jagħraf il-verità tiegħek, ma jkollux bżonn min jurih x'għandu jagħmel biex isir jixbah lil ġensu, iżda inti turih u hu

jagħraf xinhi r-rieda tiegħek, xinhu t-tajjeb, xinhu li jogħġbok, xinhu l-perfett. B'hekk isir jista' jara u inti tgħallmu jara t-tliet Persuni f'Alla wieħed jew Alla wieħed fit-tliet Persuni. Għalhekk ingħad fil-plural, "Ħa nagħmlu l-bniedem", iżda mbagħad issokta jingħad fis-singular, "U Alla ħalaq il-bniedem"; ingħad fil-plural, "fuq ix-xbieha tagħna", imbagħad intqal fis-singular, "fuq ix-xbieha ta' Alla"[107]. U hekk il-bniedem jagħraf 'l Alla u jiġġedded skond ix-xbieha ta' min ħalqu, isir bniedem spiritwali li jgħarbel dak kollu li jista' jingħarbel, waqt li lilu ma jgħarblu ħadd[108].

23. Igħarbel kollox, jiġifieri, jaħkem fuq il-ħut tal-baħar u t-tajr ta' l-ajru, fuq il-bhejjem tad-dar u l-bhejjem selvaġġi, u fuq id-dinja u l-ħlejjaq kollha li jitkaxkru fuq l-art. Din is-setgħa jħaddimha bid-dehen ta' moħħu li bis-saħħa tiegħu jilqa' l-ħwejjeġ ta' l-Ispirtu ta' Alla[109]. Li ma kienx hekk, il-bniedem, minkejja l-post ta' ġieh li tqiegħed fih, ma jkun jifhem xejn, jitqabbel mal-bhejjem bla dehen u jsir jixbahhom[110].

Aħna ħolqien tiegħek, Alla tagħna, maħluqin biex nagħmlu opri tajba[111]. Fil-Knisja tiegħek, skond il-grazzja li tajtha, hemm dawk li jmexxu fl-ispirtu u dawk li joqogħdu fl-ispirtu għall-mexxejja tagħhom. Kien hekk li l-bniedem ħlaqtu raġel u mara fil-grazzja spiritwali tiegħek, fejn ma hemmx irġiel u nisa skond il-ġisem, kif anqas ma hemm Lhudi jew Grieg, ilsir jew ħieles[112]. Mela l-membri tal-Knisja tiegħek huma spiritwali, uħud imexxu u oħrajn jobdu. Dawn igħarblu kollox bl-Ispirtu; iżda ma jgħarblux it-tagħrif spiritwali li jiddi fil-firxa tas-sema, għax mhix ħaġa tagħhom li jgħarblu awtorità hekk għolja. Anqas ma

jgħarblu l-ktieb tiegħek, imqar jekk fih xi ħwejjeġ li ma jidhrulhomx ċari, għax aħna nbaxxu rasna għalih u nżommu b'ċert li kulma jingħad fih hu sewwa u veru, anki dak li hu mistur għal għajnejna. Il-bniedem, għad li hu diġà spiritwali u mġedded fil-għarfien ta'Alla skond ix-xbieha ta' min ħalqu[113], għandu jagħmel dak li trid il-liġi u mhux jagħmilha ta' mħallef[114]. Anqas ma għandu jiġġudika dwar il-għażla bejn il-bnedmin spiritwali u l-bnedmin tad-demm u l-laħam. Dawn huma magħrufin quddiemek, Alla tagħna, imma aħna s'issa ma għandna ebda xhieda ta' l-egħmil tagħhom biex nistgħu ngħidu xinhuma u nagħarfuhom mill-frott tagħhom[115]. Inti, Mulej, diġà taf xinhuma, għażilthom minn xulxin u sejjaħtilhom fil-moħbi sa minn qabel il-ħolqien tas-smewwiet. Il-bniedem, anki jekk hu spiritwali, anqas ma jiġġudika l-popli ta' ħajja mħawda fid-dinja. Kif jista' jagħmel ħaqq mill-barranin jekk ma jafx min minnhom se jasal fil-ħlewwa tal-grazzja tiegħek u min se jibqa' għal dejjem fl-imrar tal-ħażen?

Għalhekk lill-bniedem, li int għamiltu fuq ix-xbieha tiegħek, ma tajtux is-setgħa fuq l-imnariet tas-sema, anqas fuq l-istess sema moħbi għal għajnejh, anqas fuq il-jum u l-lejl li int sejjaħtilhom b'isimhom qabel ma għamilt is-smewwiet, u anqas fuq il-ġemgħa ta' l-ilma li int sejjaħtilha baħar. Is-setgħa li tajtu hija fuq il-ħut tal-baħar u t-tajr ta' l-ajru, fuq il-bhejjem kollha, u fuq id-dinja u l-ħlejjaq kollha li jitkaxkru fuq l-art. Huwa jagħmel ħaqq minnhom, u jilqa' dak li jsib tajjeb u jwarrab il-ħażin li jsib. Dan jagħmlu waqt iċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti tal-bidu mogħtija lil dawk li fit-tjieba tiegħek toħroġhom mill-ilmijiet kotrana, fiċ-ċelebrazzjoni li fiha ssir l-offerta

tal-ħuta mtellgħa minn qiegħ il-baħar u mogħtija bħala ikel lill-art fidila[116], fis-sinjali bil-kliem u fid-diskorsi li jagħmel skond l-awtorità tal-ktieb tiegħek qishom tjur jittajru taħt il-firxa tas-sema, kif ukoll fl-interpretazzjoni u t-tifsir, fit-taħdit u d-diskussjonijiet, fil-barkiet u s-sejħat lil ismek, u fil-kliem li joħroġ sħiħ minn fommu bħala sinjal biex il-poplu jwieġeb, "Amen". Dan il-kliem kollu jitlissen ċar biex jinstama' sewwa, għax id-dinja hija abiss u l-bniedem tad-demm u l-laħam huwa agħma, ma jistax jara l-ħsibijiet tal-moħħ, u għalhekk jinħtieġlu jisma' b'widnejh. Din hi t-tifsira tat-tjur li jitnisslu mill-baħar imma joktru fuq l-art. Il-bniedem spiritwali jiġġudika wkoll billi jilqa' t-tajjeb u jwarrab il-ħażin li jsib fl-egħmejjel u l-imġiba tal-fidili, fil-karità li jagħtu qishom l-art qiegħda trodd il-frott, u fil-ġibdiet tagħhom li fir-ruħ ħajja jitrażżnu bis-safa tal-qalb, bis-sawm, u bi ħsibijiet tajba dwar dak kollu li jaqa' taħt is-sensi tal-ġisem. Fi kliem ieħor, huwa jiġġudika fejn għandu wkoll is-setgħa li jikkoreġi.

24. Imma dan xi jfisser? X'misteru hu? Ara, Mulej, inti tbierek il-bnedmin ħalli jnisslu u joktru u jimlew l-art. Forsi dan mhux sinjal biex turina li tridna nifhmu xi ħaġa? Għax int ma tajtx l-istess barka lid-dawl, li semmejtu jum, anqas lill-firxa tas-sema, lill-imnariet u l-kwiekeb, u lill-art u l-baħar. Kieku ma beriktx ukoll il-ħut u l-annimali tal-baħar ħalli jferrgħu u joktru u jimlew l-ilma tal-baħar, kieku ma beriktx ukoll it-tajr ħalli joktor fuq l-art, kont ngħid, Alla tagħna li għamiltna fuq ix-xbieha tiegħek, kont ngħid li int ridt tagħti l-barka tiegħek lill-bniedem bħala don speċjali. U kieku nista' nsib li din il-barka tajtha wkoll lill-ħxejjex, lis-siġar tal-frott u lill-bhejjem

ta' l-art, kont inżid ngħid li l-barka tiegħek ħallejtha għal dawk il-ħlejjaq li jnisslu oħrajn skond ġenshom. Imma int, lill-ħxejjex u s-siġar, u lill-bhejjem u s-sriep, ma għidtilhomx, "ferrgħu u oktru", għad li huma wkoll, bħall-ħut u t-tjur u l-bnedmin, ilkoll inisslu u joktru biex iħarsu ġenshom.

Mela x'għandi ngħid, dawl u verità tiegħi? Li l-kliem li ntqal huwa fieragħ u ma jfisser xejn? Ma jkun qatt, Missier tajjeb, ma jkun qatt li l-qaddej tal-kelma tiegħek igħid dan! Jekk jiena ma nistax nifhem xi trid tfisser b'dan il-kliem, oħrajn aħjar minni jistgħu jinqdew bih aħjar, dawk li għandhom dehen aqwa minn tiegħi, kull wieħed skond id-don li tajtu biex jifhem. Imma jalla l-istqarrija tiegħi wkoll tkun togħġbok, Mulej, għax biha qiegħed nistqarrlek kemm nemmen li int ma għidtx dak il-kliem għalxejn. Il-qari tiegħu nebbahni bi ħsibijiet li ma rridx ma nsemmihomx, għax huma ħsibijiet veri, u ma nara xejn xi jżommni biex id-diskors imxebbah tal-kotba tiegħek ma nfissrux kif qiegħed infissru. Naf li meta l-moħħ jifhem ħaġa b'ċertu mod, il-ġisem jista' jfissirha b'ħafna modi, u meta l-ġisem ifisser ħaġa b'ċertu mod, il-moħħ jista' jifhimha b'ħafna modi, bħalma jiġri dwar l-imħabba t'Alla u tal-proxxmu: hija mħabba waħda, iżda kemm fiha tifsir mistur, x'kotra kbira ta' ilsna jfissruha, u kemm hemm xorta ta' taħdit li bih titfisser f'kull ilsien! Hekk iferrgħu u joktru l-friegħ ta' l-ilma baħar. Int li qiegħed taqra dan, ġib ukoll quddiem għajnejk il-kelmiet "Fil-bidu Alla ħalaq is-sema u l-art", u ara kif l-Iskrittura tinqeda b'mod wieħed biex turina u tgħidilna din il-verità. Imma aħna nistgħu nifhmu dawn il-kelmiet b'ħafna modi, mhux biss bla qerq u bla tagħwiġ, iżda wkoll skond ħafna

interpretazzjonijiet tajba. Hekk iferrgħu u joktru l-friegħ tal-bnedmin.

Mela jekk aħna nħarsu lejn il-ħlejjaq naturali skond ma huma tassew u mhux skond it-tixbiha li nagħtuhom, il-kelmiet "nisslu u oktru" joqogħdu għall-ħlejjaq kollha li jitnisslu biż-żerriegħa. Jiena jidhirli li l-Iskrittura aktarx fehmet issemmi dawn il-ħlejjaq b'mod ta' tixbiha, għax żgur li mhux għalxejn qalet li l-barka ngħatat biss lill-friegħ ta' l-annimali tal-baħar u tal-bnedmin. Jekk aħna wkoll nitkellmu fuqhom bl-istess mod ta' tixbiha, insibu tassew tkattir kemm fil-ħlejjaq spiritwali u kemm fil-ħlejjaq tad-demm u l-laħam, ilkoll imxebbhin mas-sema u l-art; u nsibuh ukoll fl-erwieħ, tajba u ħżiena, imxebbhin mad-dawl u d-dlam; insibuh fil-kittieba mqaddsa li l-liġi xxandret permezz tagħhom, imxebbhin mal-medda mifruxa bejn ilma u ilma; insibuh fil-ġemgħa tal-popli ta' ħajja kollha mrar, imxebbhin mal-baħar; insibuh fil-ħeġġa ta' l-erwieħ tajba, imxebbhin ma' l-art niexfa; insibuh fl-egħmejjel tal-ħniena magħmulin skond il-ħtieġa ta' din il-ħajja, imxebbhin mal-ħxejjex biż-żerriegħa u s-siġar tal-frott; insibuh fid-doni ta' l-Ispirtu, irrivelati għall-ġid, imxebbhin ma' l-imnariet tas-sema; u nsibuh fix-xewqat imrażżna, imxebbhin mar-ruħ ħajja. Dawn huma kollha ħwejjeġ li fihom naraw tkattir u qawwa li tkabbar u tagħti l-frott. Iżda meta ngħidu li ħaġa tikber u toktor fis-sens li nistgħu nuruha jew nitkellmu fuqha b'ħafna modi li kull wieħed minnhom nistgħu nifhmuh b'ħafna modi wkoll, dan it-tkattir ma nsibuhx ħlief fil-ġesti li nagħmlu meta rridu nfissru ħaġa u fil-ħsibijiet ta' moħħna[117]. Il-ġesti tal-ġisem nisthajjilhom il-ġenerazzjonijiet tal-baħar, għax isiru minħabba l-ħtiġijiet tal-bniedem li huma bla qiegħ;

u l-ħsibijiet tal-moħħ inxebbahhom mal-ġenerazzjonijiet tal-bniedem mogħni bir-raġuni li tagħmel kotra ta' frott. Għalhekk jidhirli, Mulej, li l-kelmiet "nisslu u oktru" għidthom sew għall-ħlejjaq tal-baħar u sew għall-bnedmin; jidhirli li b'din il-barka tajtna l-qawwa u s-setgħa kemm li nfissru b'ħafna modi dak li nkunu fhimna b'mod wieħed, kif ukoll li nifhmu b'ħafna modi l-kelmiet li naqraw, miktubin b'mod wieħed mistur. U hekk jimtlew l-ilmijiet tal-baħar, imqanqlin biss mill-mewġ ta' ħafna tifsiriet; hekk timtela wkoll l-art b'ulied il-bnedmin, li bit-tħabrik tagħhom għall-għerf juru kemm hi niexfa u bir-raġuni tagħhom jaħkmuha.

25. Irrid insemmi wkoll, Mulej Alla tiegħi, il-ħsibijiet li l-Iskrittura tiegħek iġġibli f'moħħi bil-kelmiet li tissokta tgħid. U nsemmihom bla biża', għax inkun ngħid il-veru; inti tagħtini d-dawl biex dwar dawn il-kelmiet ngħid dak li inti stess tkun tridni ngħid. Inti waħdek tagħtini d-dawl biex nemmen li qiegħed ngħid il-veru, għax inti l-verità u kull bniedem giddieb[118]. Meta wieħed jigdeb, ikun qiegħed jitkellem talli hu[119]. Mela biex kliemi jkun veru, ngħid dak li hu tiegħek.

Ara, int tajtna l-ħaxix kollu li jagħmel iż-żerriegħa fuq wiċċ l-art, u s-siġar kollha li jagħmlu l-frott biż-żerriegħa, biex dawn kollha jkunu għall-għajxien tagħna[120]. U ma tajthomx lilna biss, imma wkoll lit-tajr kollu ta' l-ajru, lill-bhejjem ta' l-art u lill-ħlejjaq kollha li jitkaxkru fl-art; biss ma tajthomx lill-ħut u lill-annimali tal-baħar. Diġà għidt xi jfisser il-frott ta' l-art li jissemma b'tixbiha ta' l-egħmejjel tal-ħniena li l-art għammiela toffrilna għall-ħtiġijiet ta' din il-ħajja. It-twajjeb Onesiforu kien art bħal

din, u int kellek ħniena mill-familja tiegħu, għax hu ma staħax mill-ktajjen ta' Pawlu li sikwit sabu ta' faraġ għalih[121]. Hekk għamlu u taw l-istess frott l-aħwa li marru għandu mill-Maċedonja u ħasbu għalih meta kien fil-bżonn[122]. Imma kemm sewwed qalbu minħabba f'dawk is-siġar l-oħra li ma tawhx il-frott li kien imissu! Għalihom qal, "Fl-ewwel difiża tiegħi ħadd ma kien miegħi; kulħadd ħallieni. Jalla ma jkunx magħdud kontrihom"[123]. Dan il-frott għandu jingħata lil dawk li jamministraw it-tagħlim spiritwali bis-saħħa tal-misteri ta' Alla li huma jkunu fehmu; hu frott li għandu jingħatalhom għax huma bnedmin, mhux biss, iżda wkoll għax huma rwieħ ħajjin li joffru lilhom infushom bħala eżempju ta' kull rażan u qjies, kif ukoll għax huma bħal tjur minħabba l-barkiet tagħhom li joktru fuq l-art, għax ma' l-art kollha jasal leħenhom.

26. Jitgħajxu b'dan l-ikel dawk li jiggustawh; ma jiggustawhx dawk li alla tagħhom hu żaqqhom[124]. Għal dawk stess li joffru dan l-ikel, il-frott mhuwiex l-ikel li jagħtu, imma l-fehma li biha joffruh. Mela nista' nifhem sewwa biex feraħ dak li qeda 'l Alla u mhux lil żaqqu; nifhmu u nifraħ miegħu. Huwa laqa' bil-qalb dak li l-Filippin bagħtulu permezz ta' Epafroditu[125], imma nista' nifhem biex feraħ, għax il-għajxien li sab kien l-egħmil tagħhom, u dan kien li ferrħu. Kien qiegħed igħid is-sewwa meta qalilhom, "Jiena fraħt ħafna fil-Mulej talli fl-aħħar erġajtu ħadtu ħsiebi. Minn daqshekk intom dejjem ħsibtu fija", għad li mbagħad bridtu. Billi kienu ilhom berdin, huma tħassru u qishom nixfu u ma tawx frott ta' egħmil tajjeb. Pawlu feraħ mhux għax bil-għajnuna

tagħhom ħeles mill-bżonn, iżda minħabba fihom għax reġgħu tħeġġu. Għalhekk issokta jgħidilhom, "Qiegħed ngħid dan mhux għax naħtieġ xi ħaġa; jiena issa tgħallimt ngħaddi b'dak li jkolli: naf ngħix fil-għaks u naf ngħix fil-ġid, kollox drajt, ix-xabgħa u l-ġuħ, il-ġid u l-għaks. Għal kollox niflaħ bis-saħħa ta' dak li jqawwini"[126].

Mela xinhu li jferrħek, Pawlu, appostlu kbir? Xinhu li jferrħek, xinhu li jgħajxek, bniedem imġedded fil-għarfien ta' Alla skond ix-xbieha ta' min ħalqek[127], int, ruħ ħajja li trażżant ħafna u xandart il-misteri qisek ilsien bil-ġwienaħ? Igħajxek l-ikel li għandu jingħata lil ruħ bħal tiegħek. Imma xinhu dan l-ikel li jgħajxek? Huwa l-ferħ. Nisimgħu x'kompla jgħidilhom. "Għamiltu sewwa ħafna meta qsamtu miegħi tbatijieti". Dan hu li jferrħu, dan hu li jgħajxu, għax huma għamlu ħaġa sewwa, mhux għax hu ma baqax fil-bżonn, Mulej, bħallikieku qiegħed igħidlek, "Ħriġtni fil-wisa' meta kont imdejjaq"[128], għax hu tgħallem igħix sew fil-ġid u sew fil-għakx bis-saħħa tiegħek li qawwejtu. U żied igħid, "Intom tafu wkoll, Filippin, li fil-bidu tax-xandir ta' l-Evangelju, meta ħallejt il-Maċedonja, ebda Knisja oħra ħliefkom ma għamlet kontijiet miegħi ta' dħul u ħruġ, għax imqar meta kont fit-Tessalonika, darba, tnejn bgħattu tgħinuni meta kont naħtieġ"[129]. Dan hu li jferrħu: li huma reġgħu bdew jagħmlu opri tajba, u jifraħ xħin jarahom qishom xitla qed terġa' tarmi, qishom għalqa li reġgħet ħaddret u għamlet il-frott.

Kien forsi qiegħed jaħseb fi ħtiġijietu meta qalilhom, "Bgħattu tgħinuni meta kont naħtieġ"? Kien għalhekk li feraħ? Le, mhux dan li ferrħu. Kif nafu? Nafu għax żied igħidilhom, "Mhux għax jien infittex il-għotjiet, iżda nfittex li l-frott joktor"[130]. Int, Alla tiegħi, għallimtni nagħżel

bejn il-għotja u l-frott. Il-għotja hija l-ħaġa nfisha mogħtija minn min joffri l-meħtieġ: flus, ikel, xorb, ilbies, kenn, u għajnuniet oħra. Iżda l-frott huwa r-rieda tajba u sewwa ta' min jagħti. L-Imgħallem tajjeb ma jgħidx biss, "min jilqa' profeta", imma jżid, "għax hu profeta"; ma jgħidx biss, "min jilqa' bniedem ġust", imma jżid, "għax hu ġust"; għalhekk wieħed ħa l-ħlas ta' profeta u l-ieħor il-ħlas ta' wieħed ġust. Ma qalx biss, "min jagħti tazza ilma frisk lil xi ħadd minn dawn l-iżgħar", imma qal ukoll, "għax hu dixxiplu". U għalhekk żied igħid, "tassew ngħidilkom, li ma jitlifx il-ħlas tiegħu"[131]. Il-għotja hija l-laqgħa li ssir lill-profeta jew lill-ġust, l-offerta ta' tazza ilma frisk lid-dixxiplu; imma l-frott hu li dan l-egħmil isir għax wieħed hu profeta jew ġust jew dixxiplu. Kien dan il-frott li bih l-armla għajxet lil Elija, għax kienet taf li qiegħda titma' bniedem t'Alla, u għalhekk temgħetu; imma ċ-ċawl temgħuh bil-għotja li kienu jġibulu[132], u temgħu mhux lill-ispirtu tiegħu minn ġewwa, imma lill-ġisem tiegħu minn barra, li kellu mnejn jinqered bin-nuqqas ta' ikel.

27. Għalhekk ngħid dak li hu sewwa quddiemek, Mulej. Jingħataw bnedmin sempliċi u ma jemmnux[133] li, biex tinfetħilhom it-triq u jintrebħu għall-fidi, jaħtieġu s-sagramenti tal-bidu u l-egħmejjel kbar tal-mirakli li, jidhirli jien, jissemmew bl-isem ta' ħut u annimali tal-baħar. Dawn il-bnedmin jistgħu jilqgħu lil uliedek u jagħtuhom għajnuna meħtieġa għall-ġisem f'din il-ħajja; iżda billi ma jafux xinhu dak li jmissu jqanqalhom għal dan l-egħmil u għalfejn għandhom jagħmluh, ma jagħtu ebda ikel lil uliedek, għax l-egħmil tagħhom ma jkunx ġej minn fehma

qaddisa u sewwa, u wliedek ma jieħdu ebda għajxien minn għandhom, għax ma jifirħux bil-għotjiet tagħhom ladarba jkunu għadhom mhumiex jaraw il-frott. Għax tabilħaqq, ir-ruħ titgħajjex b'dak li jferraħha. Għalhekk il-ħut u l-annimali tal-baħar ma jiklux l-ikel li l-art ma tagħtihx ħlief biss wara li tkun ingħażlet u nfirdet mill-imrar u l-imwieġ tal-baħar.

28. Int, o Alla, ħarist lejn kull ma għamilt u, ara, kollox kien tajjeb ħafna. Aħna wkoll inħarsu lejn il-ħlejjaq tiegħek u, ara, kollha huma tajbin ħafna. Ta' kull darba li ridt tagħmel waħda mill-ħlejjaq tiegħek u hi saret, int ħarist lejha u rajt li kienet tajba. Jiena sibt li seba' darbiet inkiteb kif int għamilt ħaġa u rajt li kienet tajba[134]; imbagħad fit-tmien darba ntqal li int ħarist lejn kull ma għamilt u rajt li kollox kien mhux biss tajjeb, imma tajjeb ħafna, għax rajt kollox f'daqqa. Dan jingħad ukoll għal kull ġisem sabiħ. Ġisem li għandu l-membri tiegħu kollha sbieħ huwa wisq isbaħ minn kull wieħed mill-membri li f'għaqda liema bħalha bejniethom jagħmlu ġisem sħiħ, għad li kull wieħed minnhom ukoll hu sabiħ fih innifsu.

29. Jien fittixt bir-reqqa biex insib kemm drabi rajt li l-ħlejjaq tiegħek kienu tajbin meta għoġbuk, jekk hux sebgħa jew tmien darbiet, iżda billi ma sibtx li int ħarist lejn waħda fi żmien u lejn oħra fi żmien ieħor, ma stajtx ngħid kemm drabi ħarist lejhom[135]. Imbagħad għidtlek, "Forsi l-Iskrittura tiegħek, Mulej, mhijiex tgħid is-sewwa? Kulma tgħid hi tgħidu int, li tgħid is-sewwa, li int il-verità. Il-għala mela nisma' lilek tgħidli li ma kienx hemm żminijiet fil-ħars li tajt lill-ħlejjaq tiegħek? Għax l-Iskrittura

tiegħek tgħid li int jum wara l-ieħor rajt li l-ħlejjaq tiegħek kienu tajbin, u jiena nista' ngħodd u nsib kemm drabi rajt dan". Inti tweġibni u tgħidli li int Alla tiegħi; b'leħen qawwi li jinfidli widnejja torox u jibqa' dieħel f'ruħi, inti tgħid lill-qaddej tiegħek, "Ja bniedem, l-Iskrittura tiegħi tgħid dak li ngħid jien, tassew, imma hija tgħidu fiż-żmien, waqt li l-kelma tiegħi mhijiex mimsusa miżżmien, għax hi ta' dejjem bħali. Jiena nara dak li bl-ispirtu tiegħi taraw intom, l-istess kif jiena ngħid dak li bl-ispirtu tiegħi tgħidu intom. Imma dak li intom taraw fiż-żmien jien ma narahx fiż-żmien, l-istess kif dak li intom tgħidu fiż-żmien jien ma ngħidux fiż-żmien".

30. Smajtek, Mulej Alla tiegħi, u kelmtek dewqitni qatra mill-ħlewwa tal-verità tiegħek. Fhimt li hemm xi wħud li l-ħlejjaq tiegħek ma jogħġbuhomx[136]. Huma jgħidu li ħafna mill-ħlejjaq għamilthom għax imġiegħel mill-ħtieġa, kif ħlaqt is-sema u d-dawl tiegħu fl-ordni tagħhom; igħidu li fil-ħolqien tagħhom ma għamilt xejn minn tiegħek, għax kienu diġà maħluqa xi mkien ieħor minn materja oħra; inti ġbarthom biss u għaqqadthom u nsiġthom flimkien meta tellajt is-swar tad-dinja fuq l-egħdewwa tiegħek mirbuħa u żammejthom marbutin b'dan il-bini, biex ma jkunux jistgħu jerġgħu jqumu kontra tiegħek[137]. Dwar il-ħlejjaq l-oħra, bħall-iġsma tad-demm u l-laħam, l-annimali l-aktar ċkejknin, u kulma jnżżel egħruqu fl-art, dawn la nħalqu minnek u lanqas inġabru flimkien minnek, imma tnisslu u ssawru fid-dinja ta' hawn taħt, minn moħħ ta' għadu tiegħek, minn natura mhix maħluqa minnek u kuntrarja għalik. Hekk igħidu dawn l-imġienen, għax ma jħarsux lejn

l-egħmejjel tiegħek bl-ispirtu tiegħek, anqas ma jagħarfu lilek fihom.

31. Iżda meta oħrajn jarawhom bl-ispirtu tiegħek, ikun hemm int fihom qiegħed tara l-ħlejjaq. Meta jaraw li huma tajbin, tkun int qiegħed tara li huma tajbin; dak li jingħoġob minħabba fik, tkun int qed tingħoġob fih; min jogħġob lilna fl-ispirtu tiegħek, ikun qed jogħġob lilek fina. Min qatt fost il-bnedmin għaraf dak li hemm moħbi fil-bniedem jekk mhux bl-ispirtu tal-bniedem li hemm moħbi fih? Hekk ukoll ħadd ma jagħraf dak li hemm f'Alla ħlief l-Ispirtu ta' Alla. Aħna, igħid l-Appostlu, ma ħadniex l-ispirtu ta' din id-dinja, imma l-Ispirtu ta' Alla, biex nagħarfu d-doni li Alla għoġbu jagħtina[138]. Ikolli nistaqsi: żgur li ħadd ma jagħraf dak li hemm f'Alla ħlief l-Ispirtu ta' Alla; mela kif aħna wkoll nagħarfu d-doni li Alla għoġbu jagħtina? It-tweġiba hi li dak li aħna nagħarfu bl-Ispirtu ta' Alla ħadd ma jagħarfu ħlief l-Ispirtu ta' Alla. Sewwa ntqal lil dawk li kienu se jmorru jitkellmu bl-Ispirtu ta' Alla, "Mhux intom tkunu li titkellmu"[139]. Hekk ukoll sewwa jintqal lil dawk li jagħarfu bl-Ispirtu ta' Alla, "Mhux intom tkunu li tagħarfu"; u sewwa wkoll jingħad lil dawk li jaraw bl-Ispirtu ta' Alla, "Mhux intom tkunu li taraw". Mela kulma bl-Ispirtu ta' Alla naraw li hu tajjeb, mhux aħna, iżda Alla jkun jara li hu tajjeb. Hemm xi wħud, bħal dawk li għadni kemm semmejt, li ħaġa tajba jgħidu li hi ħażina. Oħrajn jagħarfu li t-tajjeb hu tajjeb, bħalma huma dawk il-ħafna li l-ħolqien tiegħek jogħġobhom għax tajjeb, iżda ma jarawx lilek togħġobhom fih, u għalhekk iridu jsibu l-hena tagħhom mhux fik, imma fil-ħolqien. Oħrajn imbagħad jaraw li ħaġa hi tajba, imma jkun Alla fihom

qiegħed jaraha tajba, jiġifieri, Alla jkun qiegħed jinħabb fil-ħolqien tiegħu. Iżda Alla ma jistax jinħabb jekk mhux bl-Ispirtu li hu tana, għax l-imħabba ta' Alla ssawbet fi qlubna permezz ta' l-Ispirtu s-Santu li kien mogħti lilna[140], u li bih naraw li hu tajjeb dak kollu li b'xi mod jeżisti: għax hu l-Ispirtu mogħti lilna minn dak li mhux b'xi mod jeżisti, imma hu li hu[141].

32. Inroddulek ħajr, Mulej! Għax aħna naraw is-sema u l-art, dawn iż-żewġ ħlejjaq li jistgħu jkunu jew iż-żewġ taqsimiet ta' fuq u ta' isfel ta' din id-dinja materjali, jew il-ħolqien spiritwali u materjali. Fost it-tagħmir ta' dawn iż-żewġ taqsimiet li minnhom hi magħmula d-dinja kollha kemm hi u l-ħolqien kollu, aħna naraw id-dawl maħluq u mifrud mid-dlam. Naraw il-medda tas-sema, sew dik li tqiegħdet bħala l-parti ewlenija fid-dinja materjali bejn l-ilmijiet spiritwali ta' fuq u l-ilmijiet materjali ta' hawn isfel, u sew il-wesgħa ta' l-ajru li hi wkoll tissejjaħ sema, li fih jittajru t-tjur tas-sema bejn l-ilmijiet li jitilgħu 'l fuq bħala fwar ħafif u jerġgħu jinżlu bħala nida fid-difa tal-lejl, u l-ilmijiet it-tqal li jiġru fuq wiċċ l-art. Naraw il-ġmiel ta' l-ilmijiet miġbura fil-wesgħat ta' l-ibħra, u l-art niexfa, għall-ewwel għerja u mbagħad f'sura li tidher imlibbsa bi sbuħitha bħal omm il-ħxejjex u s-siġar. Naraw l-imnariet jiddu fil-għoli, ix-xemx li weħidha hi biżżejjed għall-jum, u l-qamar u l-kwiekeb iwennsu l-lejl, ilkoll qisien u sinjali taż-żminijiet. Kull fejn hemm l-ilma naraw in-natura tiżgħed b'ħut u bhejjem kbar kif ukoll bit-tjur, għax l-arja tagħqad bil-fwar ta' l-ilma u sserraħ l-agħsafar fit-titjir tagħhom. Naraw wiċċ l-art, imżejjen bl-annimali li jgħixu fuqha, u l-bniedem, magħmul fuq

is-sura u x-xbieha tiegħek, jaħkem fuq l-annimali kollha li ma għandhomx raġuni, sewwa sew għax magħmul fuq is-sura u x-xbieha tiegħek, jiġifieri, mogħni bir-raġuni u d-dehen. U bħalma r-ruħ tal-bniedem minn naħa waħda tiddeċiedi u taħkem u min-naħa l-oħra toqgħod għall-kmand u tobdi, hekk ukoll il-mara ġiet magħmula fiżikament għar-raġel: fin-natura tagħha hi daqsu mżejna bid-dehen u l-qawwa tar-raġuni, imma f'dak li hu sess fiżiku hija toqgħod għas-sess raġel, l-istess kif it-tqanqil għall-egħmil jogħqod għat-tmexxija tar-raġuni biex il-moħħ jaħdem sewwa u bil-għaqal. Aħna naraw dan kollu, u naraw li kull ħaġa hija tajba u lkoll flimkien huma tajbin ħafna.

33. Ħa jfaħħruk l-egħmejjel kollha tiegħek biex aħna nħobbuk, u ħa nħobbuk biex l-egħmejjel tiegħek ifaħħruk. F'dak li hu żmien, huma għandhom il-bidu u t-tmiem tagħhom, is-sebħ u l-għabex, il-mixi u l-waqfien, il-ġmiel u n-nuqqasijiet tagħhom. Il-ħwejjeġ kollha, waħda wara l-oħra, igħaddu mill-għodwa u l-għaxija tagħhom, daqqa fis-satra u daqqa bid-dieher. Int ħlaqthom mix-xejn, mhux minnek innifsek, anqas minn xi materja mhix tiegħek jew li kienet diġà teżisti, iżda ħlaqthom minn materja li int għamiltha flimkien magħhom, jiġifieri, għamilt lilha u lilhom fl-istess waqt wieħed, għax ma kien hemm ebda mogħdija taż-żmien minn meta għamilt il-materja bla forma sa ma tajtha l-forma. Tassew li l-materja tas-sema u l-art hi ħaġa u ġmielhom hu ħaġ'oħra, għax il-materja tagħhom saret mix-xejn li hu xejn filwaqt li d-dinja ħadet suritha mill-materja bla forma, b'danakollu inti għamilthom it-tnejn f'waqt wieħed,

hekk li ebda żmien ma għadda bejn il-materja u l-forma tagħha.

34. Ħarisna wkoll lejn il-ħlejjaq fid-dawl tat-tixbih tagħhom skond l-ordni li fih ridthom isiru u jissemmew fil-ktieb, u rajna li kull waħda minnhom hi tajba u lkoll f'daqqa huma tajbin ħafna. Fil-Verb tiegħek, Ibnek il-waħdieni, aħna ħarisna lejn is-sema u l-art, ir-ras u l-ġisem tal-Knisja ippredestinati sa minn qabel kull żmien, meta kien għad ma hemmx filgħodu u filgħaxija. Int bdejt tagħmel fi żmienu dak li kont ippredestinajt, għax ridt turina l-pjan moħbi tiegħek[142] u ġġib l-ordni fid-dinja tagħna, dinja li kienet imħawda għax konna mgħobbijin bi dnubietna u tbegħidna minnek fil-qiegħ tad-dlamijiet. L-ispirtu tajjeb tiegħek kien jittajjar fuqna biex jagħtina l-għajnuna f'waqtha. Int iġġustifikajt il-ħatjin[143] u għażilthom mill-ħżiena, saħħaħt l-awtorità tal-ktieb tiegħek u frixtha bejn is-superjuri, li jieħdu t-tagħlim minn għandek, u bejn is-sudditi tagħhom, li jisimgħu minnhom. Inti ġbart f'għaqda waħda għalihom il-ġmiegħi ta' dawk li ma jemmnux biex tħalli tidher il-ħeġġa ta' dawk li jemmnu, u huma joffrulek egħmejjel ta' ħniena u jqassmu ġidhom lill-foqra fuq din l-art biex jiksbu l-ġid tas-sema. Fil-firxa tas-sema int qegħidt l-imnariet, il-qaddisin li għandhom il-kliem tal-ħajja u li bid-doni spiritwali tagħhom saru jiddu bid-dawl ta' l-awtorità għolja li semmejna. Imbagħad, għat-tagħlim ta' l-infidili kif ukoll għall-barka tal-fidili, mill-materja mġissma int sawwart is-sagramenti, sinjali tal-għaġeb li jidhru u klimijiet li jitlissnu, skond l-awtorità tal-ktieb tiegħek. Wara dan sawwart ir-ruħ tal-fidili, ruħ ħajja bit-trażżin tal-ġibdiet

imliġġma u miżmuma fil-qjies; ġeddidt skond is-sura u x-xbieha tiegħek il-fehma tagħhom li toqgħod għalik biss u ma taħtieġ ebda bniedem ta' awtorità biex issir tixbhu; qegħidt il-ħidma tar-raġuni taħt it-tmexxija tad-dehen, kif hi l-mara taħt ir-raġel; bgħatt il-ministri tiegħek, meħtieġa għall-perfezzjoni tal-fidili f'din il-ħajja, u ridt li l-istess fidili jagħtuhom fuq din l-art għajnuna meħtieġa li tagħti l-frott għall-ħajja li ġejja. Aħna naraw dan kollu, u kollox hu tajjeb ħafna, għax tarah fina int li tajtna l-Ispirtu biex bih nistgħu naraw il-ħlejjaq u nħobbu lilek fihom.

35. Mulej Alla, li tajtna dan kollu, agħtina s-sliem, is-sliem tal-hedu, is-sliem tas-sibt, is-sliem mingħajr għabex. Għax dan l-ordni kollu mill-isbaħ tal-ħlejjaq tajbin ħafna għad igħaddi meta żmienhom jintemm. Kien għalhekk li għalihom dalam u sebaħ[144].

36. Iżda fis-seba' jum ma kienx hemm għabex u ma dalamx, għax int beriktu biex jibqa' għal dejjem. Int ma tlift xejn mill-kwiet tiegħek waqt li kont tagħmel il-ħlejjaq tajbin ħafna, u madankollu wara li temmejthom fis-seba' jum waqaft mix-xogħol tiegħek u striħajt[145]. B'dan il-kliem l-Iskrittura tiegħek tagħtina x'nifhmu li aħna wkoll, wara li nwasslu fit-tmiem l-egħmejjel tagħna li bil-grazzja tiegħek ikunu tajbin ħafna, aħna wkoll għad nistrieħu fik fis-sibt tal-ħajja ta' dejjem.

37. Meta jaslilna dak is-sibt, tkun int li tistrieħ fina, bħalma issa huwa int li taħdem fina. Il-mistrieħ tiegħek ikun permezz tagħna l-istess kif issa dawn l-egħmejjel tiegħek qegħdin isiru permezz tagħna. Int, Mulej, dejjem taħdem u dejjem fil-mistrieħ tiegħek; inti xejn ma tara

fiż-żmien, ma titqanqalx fiż-żmien għall-egħmil tiegħek, u ma tistrieħx fiż-żmien; b'danakollu inti tagħmel dak li aħna narawh fiż-żmien, tagħmel iż-żmien innifsu, u tagħmel il-mistrieħ wara ż-żmien.

38. Il-ħlejjaq tiegħek aħna narawhom għax jeżistu, imma jeżistu għax inti tarahom. Bil-għajnejn tagħna minn barra naraw li jeżistu, bl-ispirtu tagħna minn ġewwa naraw li huma tajbin; imma int rajthom magħmula meta rajt li kellhom isiru. Aħna issa nitqanqlu għall-egħmil tajjeb għax l-ispirtu tiegħek inebbah bih lil qalbna, waqt li fl-imgħoddi konna nitqanqlu għall-egħmil ħażin għax konna tlaqna lilek; imma int, Alla waħdek tajjeb, qatt ma tieqaf tagħmel il-ġid. Xi wħud mill-egħmejjel tagħna bil-grazzja tiegħek huma tajbin: ma jibqgħux għal dejjem, iżda aħna nittamaw li warajhom nistrieħu fit-tqaddis kbir tiegħek. Int, il-ġid li ma hu nieqes minn ebda ġid, tinsab dejjem fil-kwiet, għax il-kwiet tiegħek huwa int innifsek.

Liema bniedem jista' jfisser dan kollu lil bniedem ieħor? Liema anġlu jista' jfissru lil anġlu ieħor? Liema anġlu jfissru lil xi bniedem? Dan hu tifsir li għandna nitolbuh lilek, infittxuh għandek, u nħabbtu l-bieb tiegħek għalih. Hekk jingħatalna, hekk insibuh, hekk jinfetħilna[146].

---

[1]2 Kor 5, 21.

[2]Salm 35,7.

[3]Ġen 1, 3. Aħna u naqraw dan l-aħħar ktieb nagħmlu sewwa jekk inżommu quddiemna l-ewwel kapitlu tal-Ġenesi biex nifhmu aħjar it-tifsir spiritwali li S. Wistin irid jagħtih.

[4]Is 11, 2.

[5]Salm 35, 10.

[6]1 Kor 13, 12.
[7]Rum 5, 5.
[8]1 Kor 12, 28–13, 1–13.
[9]Ef 3, 14–19.
[10]Salm 17, 29.
[11]Is 58, 10.
[12]Is-salmi 119–133 jissejħu għanjiet tat-telgħat; kienu jitkantaw f'xi festi mill-poplu waqt il-pellegrinaġġi għat-tempju ta' Ġerusalem; ara wkoll Salm 83, 6–8.
[13]Salm 121, 1.
[14]Ġw 1, 9.
[15]Salm 38, 12.
[16]Salm 35, 7.
[17]Mt 3, 2; 4, 17.
[18]Salm 41, 7.
[19]Ef 5, 8.
[20]2 Kor 5, 7.
[21]Rum 8, 24.
[22]Salm 41, 8.
[23]1 Kor 3, 1.
[24]Fil 3, 13.
[25]2 Kor 5, 4.
[26]Salm 41, 2–3.
[27]2 Kor 5, 2.
[28]Rum 12, 2.
[29]1 Kor 14, 20.
[30]Gal 3, 1.
[31]Għerf 9, 17; Salm 45, 5; 67, 19.
[32]Rum 8, 23.
[33]2 Kor 11, 3.
[34]1 Ġw 3, 2.
[35]Salm 41, 4.
[36]Salm 41, 5.
[37]Salm 41, 6.12; 42, 5.
[38]Salm 118, 105.
[39]Ef 2, 3.

[40]Rum 8, 10.
[41]Għan 2, 17.
[42]Rum 8, 11.
[43]2 Kor 1, 22.
[44]2 Tess 5, 5.
[45]1 Tess 2, 4.
[46]Ġen 1, 5.
[47]Rum 9, 21.
[48]Is 34, 4.
[49]Ġen 3, 19–21.
[50]Salm 8, 4.
[51]Salm 18, 8.
[52]Salm 8, 3.
[53]L-Iskrittura ma nkitbitx għall-anġli.
[54]Mt 18, 10.
[55]Salm 35, 6.
[56]Mt 24, 35.
[57]1 Kor 13, 12.
[58]1 Ġw 3, 2.
[59]Salm 35, 10.
[60]Salm 94, 5.
[61]Salm 84, 12.
[62]Is 58, 7–8.
[63]Fil 2, 15.
[64]Tit 2, 11.
[65]Ġen 1, 14.
[66]2 Kor 5, 17.
[67]Rum 13, 11–12.
[68]Salm 64, 12.
[69]Mt 9, 38; Ġw 4, 38.
[70]Salm 101, 28.
[71]1 Kor 12, 7–11.
[72]1 Kor 3, 1.
[73]1 Kor 2, 6.
[74]1 Kor 3, 1–2.
[75]Lhud 5, 12–14.

[76] Ġen 1, 14.
[77] Is 1, 16–18.
[78] Mt 19, 16–22.
[79] 1 Kor 2, 6.
[80] Mt 6, 21.
[81] Lq 18, 23.
[82] Mt 13, 7.22.
[83] 1 Pt 2, 9.
[84] Mk 10, 28; Lq 18, 28.
[85] 1 Kor 1, 27.
[86] Salm 18, 2.
[87] Salm 18, 3.
[88] Atti 2, 2–3.
[89] Mt 5, 14–15.
[90] Ġer 15, 19.
[91] Mt 28, 19.
[92] Salm 18, 4–5.
[93] It-tagħlim ta' l-Appostli u l-qaddisin jibqa' dejjem l-istess; iżda l-ħidma tagħhom jagħmluha skond il-ħtieġa taż-żminijiet li jitbiddlu.
[94] Lhud 6, 1–3.
[95] Salm 135, 6.
[96] Il-kelma Griega li tfisser ħuta fiha ħames ittri; kull waħda minnhom hija l-ewwel ittra ta' ħames kelmiet oħrajn li jfissru "Ġesù Kristu, Bin Alla, Salvatur". Għalhekk fl-ewwel żminijiet insara l-ħuta kienet miżmuma bħala simbolu ta' Kristu. Hawnhekk S. Wistin jorbotha mas-sagrament ta' l-Ewkaristija.
[97] 1 Tess 1, 7.
[98] Għam 5, 6.
[99] Rum 12, 2.
[100] Mt 24, 35.
[101] 1 Kor 11, 1.
[102] Gal 4, 12.
[103] Sir 3, 17.
[104] Ara n-nota 5 tal-Ktieb X.
[105] Rum 1, 20.
[106] Rum 12, 2.

[107]Ġen 1, 26–27.

[108]1 Kor 2, 15.

[109]1 Kor 2, 14.

[110]Salm 48, 13.21.

[111]Ef 2, 10.

[112]Gal 3, 28.

[113]Kol 3, 10.

[114]Ġak 4, 11.

[115]Mt 7, 29.

[116]Ara n-nota 96.

[117]Ħaġa tista' titfisser b'ġesti diversi, u kull ġest jista' jinftehem b'modi diversi; hekk ukoll moħħna jista' jfassal ħsibijiet diversi fuq l-istess ħaġa, u kull ħsieb li nfissru jista' jinftehem issa mod u issa ieħor.

[118]Rum 3, 4.

[119]Ġw 8, 44.

[120]Ġen 1, 29–30.

[121]2 Tim 1, 16–18.

[122]2 Kor 11, 9.

[123]2 Tim 4, 16.

[124]Fil 3, 19.

[125]Fil 4, 18.

[126]Fil 4, 10–14.

[127]Kol 3, 10.

[128]Salm 4, 2.

[129]Fil 4, 15–16.

[130]Fil 4, 17.

[131]Mt 10, 41–42.

[132]1 Slat 17, 6.1–16.

[133]1 Kor 14, 23.

[134]Fl-ewwel kapitlu tal-Ġenesi dan jingħad sitt darbiet biss, jiġifieri, għad-dawl (v. 4), għall-art u l-baħar (v. 10), għall-ħxejjex u s-siġar (v. 12), għax-xemx u l-qamar u l-kwiekeb (v. 18), għall-annimali tal-baħar u ta' l-ajru (v. 21), u għall-bhejjem ta' l-art (v. 25); imbagħad għas-seba' darba jingħad għall-ħlejjaq kollha f'daqqa (v. 31).

[135]Alla jagħmel kollox bil-Kelma tiegħu, bil-Verb, li hu etern

miegħu, mhuwiex kelma li tingħad fiż-żmien; ara xi jgħid S. Wistin fil-Ktieb XI, nn. 6, 7, 11, 13 u 14.

136 Qiegħed igħid għall-Manikej; ara l-Ktieb V, n. 10.

137 Ara l-Ktieb V. n. 10, it-tielet paragrafu, kif ukoll in-noti 7, 9, u 13 tal-Ktieb III.

138 1 Kor 2, 11–12.

139 Mt 10, 20.

140 Rum 5, 5.

141 Eż 3, 14.

142 Skond tradizzjoni qadima ħafna l-pjan tas-salvazzjoni tħabbar għall-ewwel darba wara d-dnub ta' Adam (Ġen 1, 15; Għerf 2, 24; Apk 12, 9). Illum din il-fehma twarrbet tista' tgħid mill-istudjużi kollha tal-Bibbja; ara J. Agius O.P., Ġenesi 1–11, nota 27, f'SIJON, Vol. I-1988/2, p. 35.

143 Rum 4, 5.

144 Ġen 1, 5.8.13.19.23.31.

145 Ġen 2, 1–3.

146 Mt 7, 7–8; Lq 11, 9–10.